Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 279

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

24 ta' Awwissu 2020

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

2020/C 279/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Il-Qorti tal-Ġustizzja

2020/C 279/02 Kawża C-92/18: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Parlament Ewropew (Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Protokoll dwar il-Lokalità tas-Sede tal-Istituzzjonijiet u ta' ċerti Organi, Korpi u Dipartimenti tal-Unjoni Ewropea – Parlament Ewropew – Kunċett ta' "sessjoni tal-baġit" li tinżamm fi Strasbourg (Franza) – Artikolu 314 TFUE – Eżerċizzju tas-setgħa baġitarja matul sessjoni parzjali plenarja addizzjonali fi Brussell (il-Belġju)) 2

2020/C 279/03 Kawża C-570/18 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – HF vs Il-Parlament Ewropew (Appell – Servizz pubbliku – Parlament Ewropew – Membru tal-persunal bil-kuntratt – Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Fastidju psikoloġiku – Talba għal assistenza – Dritt għal smigħ – Ċaħda tat-talba għal assistenza – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju) 2

2020/C 279/04 Kawża C-729/18 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – VTB Bank PAO, li kien VTB Bank OAO vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni tar-Russja li jiddestabbilixxu s-sitwazzjoni fl-Ukraina – Inklużjoni ta' isem l-appellanti fuq il-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi – Prinċipju ta' proporzjonalità – Dritt għall-proprjetà – Dritt li tiġi eżerċita attività ekonomika) 3

MT

Għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità, xi informazzjoni li tinsab f'din il-ħarġa ma tistax tibqa' tiġi żvelata, u għalhekk ġiet ippubblikata verżjoni awtentika ġdida.

2020/C 279/05 Kawża C-730/18 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – SC vs Eulex Kosovo (Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Persunal tal-missjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea – Kompetizzjoni interna – Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' xogħol – Att separabbli mill-kuntratt) 4

2020/C 279/06 Kawża C-731/18 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjoniiet tal-Federazzjoni tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Inklużjoni u mbgħad żamma tal-isem tar-rikorrent fuq il-lista tal-entitajiet li japplikaw għalihom il-miżuri restrittivi – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Abbuż ta' poter – Dritt għall-proprjetà – Ugwaljanza fit-trattament) 4

2020/C 279/07 Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Haskovo – il-Bulgarija, u tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – QH vs Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria (C-762/18), CV vs Iccrea Banca SpA (C-37/19) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Direttiva 2003/88/CE – Artikolu 7 – Ħaddiem imkeċċi illegalment u rreintegrat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja fil-funzjonijiet tiegħu – Esklużjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas mhux meħud għall-perijodu bejn it-tkeċċija u r-reintegrazzjoni – Assenza tad-dritt għal kumpens finanzjarju għal leave annwali mhux meħud għall-istess perijodu fil-każ ta' terminazzjoni sussegwenti tar-relazzjoni ta' impjieg) 5

2020/C 279/08 Kawża C-835/18: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Timişoara – ir-Rumanija) – SC Terracult SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara –Administrația Județeană a Finanțelor Publice Arad – Serviciul Inspecție Fiscală Persoane Juridice 5, ANAF Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara Serviciul de Soluționare a Contestațiilor (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Rettifika ta' fattura – Taxxa ffatturata b'mod żbaljat – Rimbors tat-taxxa mħallsa indebitament – Mekkaniżmu tal-awtolikwidazzjoni tal-VAT – Tranżazzjonijiet marbuta ma' perijodu fiskali li diġà kienu s-suġġett ta' kontroll fiskali – Newtralità fiskali – Prinċipju ta' effettività – Proporzjonalità) 6

2020/C 279/09 Kawża C-14/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Centre satellitaire de l'Union européenne vs KF, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Appell – Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) – Membru tal-persunal bil-kuntratt tas-SATCEN – Ilmenti għal fastidju psikoloġiku – Investigazzjoni amministrattiva – Talba għal assistenza – Sospensjoni tal-membru tal-persunal – Proċeduri dixxiplinari – Tneħħija tal-membru tal-persunal – Bord tal-Appelli tas-SATCEN – Għoti ta' ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwim tal-persunal tas-SATCEN – Rikors għal annullament – L-ewwel u l-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Rikors għad-danni – Artikolu 268 TFUE – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Ammissibbiltà – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Natura kuntrattwali tat-tilwima – Artikoli 272 u 274 TFUE – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24 (1) TUE – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali – Żnaturament tal-fatti u tal-provi – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba) 7

2020/C 279/10 Kawża C-18/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – WM vs Stadt Frankfurt am Main (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Direttiva 2008/115/KE – Standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment – Kundizzjonijiet ta' detenzjoni – Artikolu 16(1) – Detenzjoni f'faċilità korrettiva għal finijiet ta' tneħħija – Ċittadin ta' pajjiżi terzi li jirrappreżenta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika) 7

2020/C 279/11 Kawża C-24/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad voor Vergunningsbetwistingen – il-Belġju) – A *et* vs Gewestelijke stedenbouwkundige ambtenaar van het departement Ruimte Vlaanderen, afdeling Oost-Vlaanderen (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Stima tal-effetti fuq l-ambjent – Permess ta' żvilupp urban għall-installazzjoni u għall-użu ta' eoliċi – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' "pjanijiet u programmi" – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess stabbiliti b'digriet u ċirkulari – Artikolu 3(2)(a) – Atti nazzjonali li jiddefinixxu qafas li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Assenza ta' evalwazzjoni ambjentali – Żamma tal-effetti tal-atti nazzjonali u tal-permessi maħruġa abbażi tagħhom wara li tkun ġiet ikkonstatata n-nuqqas ta' konformità ta' dawn l-atti mad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet) 8

2020/C 279/12 Kawża C-116/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Gregor Schneider vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (Appell – Servizz Pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Riorganizzazzjoni interna tad-dipartimenti tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) – Assenjazzjoni mill-ġdid – Bażi legali – Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Interess tas-servizz – Bidliet sostanzjali tal-kompiti – Kwalifika – Trasferiment – Bidla fil-pożizzjoni – Użu ħażin ta' poter – Dritt għal smigħ – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ xieraq – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) 9

2020/C 279/13 Kawża C-131/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs CX (Appell – Servizz pubbliku – Proċedura dixxiplinari – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal smigħ – Anness IX tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 4 – Possibbiltà għall-uffiċjal li ma jistax jinstema' li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub jew li jkollu rappreżentant – Artikolu 22 – Smigħ tal-uffiċjal mill-Awtorità tal-Ħatra qabel l-adozzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari – Allegata inkapaċità mill-uffiċjal li jinstema' kif ukoll li jagħmel osservazzjonijiet bil-miktub jew li jkollu rappreżentant – Evalwazzjoni tal-provi mediċi – Nuqqas ta' risposta mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal argumenti invokati fl-ewwel istanza) 10

2020/C 279/14 Kawża C-215/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – proċedura mressqa minn Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Provvista ta' servizzi – Artikolu 135(1)(l) – Eżenzjoni mill-VAT – Kiri ta' proprjetajiet immobbli – Kunċett ta' "proprjetajiet immobbli" – Esklużjoni – Artikolu 47 – Post fejn jitwettqu tranżazzjonijiet taxxabbli – Forniment tas-servizzi relatati ma' proprjetà immobbli – Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 – Artikoli 13b u 31a – Armarji – Servizzi ta' hosting fiċ-ċentru ta' data) 10

2020/C 279/15 Kawża C-231/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) – ir-Renju Unit) – Blackrock Investment Management (UK) Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(g) – Eżenzjonijiet mill-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment – Provvista ta' unika użata għall-immaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment u ta' fondi oħra) 11

2020/C 279/16 Kawża C-380/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2013/11/UE – Soluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim – Artikolu 13(1) u (2) – Informazzjoni obbligatorja – Aċċessibbiltà għall-informazzjoni) 12

2020/C 279/17 Kawża C-477/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wien – l-Awstrija) – IE vs Magistrat der Stadt Wien (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 12(1) – Sistema ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi ta' annimali – Anness IV – Cricetus cricetus (ħamster komuni) – Postijiet ta' mistrieħ u siti ta' tgħammir – Deterjorazzjoni jew qerda – Postijiet abbandunati) 12

2020/C 279/18 Kawża C-684/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – mk advokaten GbR vs MBK Rechtsanwälte GbR (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks – Direttiva 2008/95/KE – Artikolu 5(1) – Użu fil-kummerċ ta' sinjal identiku jew simili għal trade mark ta' ħaddieħor għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili għal dawk li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata – Portata tal-kelma "użaw" – Reklam imqiegħed online fuq sit internet fuq ordni ta' persuna li topera fil-kummerċ u wara riprodott fuq siti internet oħra) 13

2020/C 279/19 Kawża C-36/20 PPU: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana – Spanja) – proċedura li tikkonċerna lil VL (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 6 – Aċċess għall-proċedura – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali magħmula lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali sabiex tirreġistra tali applikazzjonijiet – Applikazzjoni magħmula lil awtoritajiet oħra li x'aktarx jirċievu tali applikazzjonijiet iżda li ma għandhomx, taħt il-liġi nazzjonali, kompetenza sabiex jirreġistrawhom – Kunċett ta' "awtoritajiet oħra" – Artikolu 26 – Detenzjoni – Standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8 – Detenzjoni tal-applikant – Raġunijiet għad-detenzjoni – Deċiżjoni li qiegħdet applikant f'detenzjoni minħabba nuqqas ta' post ta' akkomodazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja) 14

2020/C 279/20 Kawża C-319/19: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fis-17 ta' April 2019 – KPKONPI vs ZV, AX, "Meditsinski tsentar po dermatologia i estetichna meditsina PRIMA DERM" OOD 14

2020/C 279/21 Kawża C-798/19 P: Appell ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2019 minn Paix et justice pour les juifs séfarades en Israël mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-337/19 – Paix et justice pour les juifs séfarades en Israël vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill tal-Ewropa 16

2020/C 279/22 Kawża C-893/19 P: Appell ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019 minn Roxtec AB mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-24 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-261/18, Roxtec vs EUIPO – Wallmax 16

2020/C 279/23 Kawża C-80/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fit-12 ta' Frar 2020 – Wilo Salmson France SAS vs Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Administrația Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenți 17

2020/C 279/24 Kawża C-81/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fit-12 ta' Frar 2020 – SC Mitliv Exim SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili 18

2020/C 279/25 Kawża C-99/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fl-24 ta' Frar 2020 – Siebenburgisches Nugat SRL, Hans Draser Internationales Marketing vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Braşov, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală a Vămilor – Direcția Regională Vamală Braşov – Biroul Vamal de Interior Sibiu 18

2020/C 279/26 Kawża C-116/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Timişoara (ir-Rumanija) fit-28 ta' Frar 2020 – S. C. Avio Lucos SRL vs Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central . . 19

2020/C 279/27 Kawża C-145/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-24 ta' Marzu 2020 – DS vs Porsche Inter Auto GmbH & Co KG u Volkswagen AG 20

2020/C 279/28 Kawża C-148/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – AC vs Deutsche Lufthansa AG 21

2020/C 279/29 Kawża C-149/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – DF vs Deutsche Lufthansa AG 21

2020/C 279/30 Kawża C-150/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-17 ta' Marzu 2020 – BD vs Deutsche Lufthansa AG 22

2020/C 279/31 Kawża C-152/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Mureş (ir-Rumanija) fit-30 ta' Marzu 2020 – DG, EH vs SC Gruber Logistics SRL 23

2020/C 279/32 Kawża C-157/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-3 ta' April 2020 – FI vs Eurowings GmbH 23

2020/C 279/33 Kawża C-177/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Győri Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-7 ta' April 2020 – "Grossmania" Mezőgazdasági Termelő és Szolgáltató Kft. vs Vas Megyei Kormányhivatal 24

2020/C 279/34 Kawża C-178/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék [li qabel kienet Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija)] fis-7 ta' April 2020 – Pharma Expressz Szolgáltató és Kereskedelmi Kft vs Országos Gyógyszerészeti és Élelmezés-egészségügyi Intézet 24

2020/C 279/35 Kawża C-189/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-5 ta' Mejju 2020 – Laudamotion GmbH vs Verein für Konsumenteninformation 25

2020/C 279/36 Kawża C-190/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-5 ta' Mejju 2020 – DocMorris NV vs Apothekerkammer Nordrhein 26

2020/C 279/37 Kawża C-197/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Mejju 2020 – KAHL GmbH & Co KG vs Hauptzollamt Hannover 26

2020/C 279/38 Kawża C-210/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-30 ta' Marzu 2020 – Rad Service Srl Unipersonale *et* vs Del Debbio SpA *et* 27

2020/C 279/39 Kawża C-215/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fid-19 ta' Mejju 2020 – JV vs Bundesrepublik Deutschland 27

2020/C 279/40 Kawża C-216/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Mejju 2020 – C.E. Roeper GmbH vs Hauptzollamt Hamburg 29

2020/C 279/41 Kawża C-220/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Uffiċċju tal-Imħallef tal-paci ta' Lanciano (l-Italja) fit-28 ta' Mejju 2020 – XX vs OO 29

2020/C 279/42 Kawża C-222/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fis-27 ta' Mejju 2020 – OC vs Bundesrepublik Deutschland 30

2020/C 279/43 Kawża C-224/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sø- og Handelsretten (id-Danimarka) fid-29 ta' Mejju 2020 – Merck Sharp & Dohme BV, Merck Sharp & Dohme Corp., MSD DANMARK ApS, MSD Sharp & Dohme GmbH, Novartis AG, FERRING LÆGEMIDLER A/S u H. Lundbeck A/S vs Abacus Medicine A/S, Paranova Danmark A/S u 2CARE4 ApS 31

2020/C 279/44 Kawża C-232/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja) fit-3 ta' Ġunju 2020 – NP vs Daimler AG 33

2020/C 279/45 Kawża C-248/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fid-9 ta' Ġunju 2020 – Skatteverket vs Skellefteå Industrihus Aktiebolag 34

2020/C 279/46 Kawża C-252/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Ġunju 2020 – CY vs Eurowings GmbH 34

2020/C 279/47 Kawża C-255/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale del Lazio (l-Italja) fl-10 ta' Ġunju 2020 – Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Gaeta vs Punto Nautica Srl 35

2020/C 279/48 Kawża C-257/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fid-9 ta' Ġunju 2020 – "Viva Telecom Bulgaria" EOOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofija 36

2020/C 279/49 Kawża C-262/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Bulgarija) fil-15 ta' Ġunju 2020 – VB vs Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti 37

2020/C 279/50 Kawża C-263/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fil-15 ta' Ġunju 2020 – Airhelp Limited vs Laudamotion GmbH 37

2020/C 279/51 Kawża C-270/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fit-18 ta' Ġunju 2020 – AG *et* vs Austrian Airlines AG 38

2020/C 279/52 Kawża C-275/20: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 39

2020/C 279/53 Kawża C-287/20: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-30 ta' Ġunju 2020 – EL u CP vs Ryanair Designated Activity Company 39

Il-Qorti Ġenerali

2020/C 279/54 Kawża T-330/20: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2020 – ACMO *et* vs BUR 41

2020/C 279/55 Kawża T-338/20: Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 – KI vs eu-LISA 42

2020/C 279/56 Kawża T-358/20: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 – Net Technologies Finland vs REA 42

2020/C 279/57 Kawża T-377/20: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2020 – KN vs KESE 43

2020/C 279/58 Kawża T-384/20: Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2020 – OC (*) vs Il-Kummissjoni 44

2020/C 279/59 Kawża T-389/20: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – KO vs Il-Kummissjoni 45

2020/C 279/60 Kawża T-390/20: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2020 – Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni 45

2020/C 279/61 Kawża T-391/20: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2020 – Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni 46

2020/C 279/62 Kawża T-393/20: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – Front Polisario vs Il-Kunsill 48

2020/C 279/63 Kawża T-397/20: Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020 – Allergan Holdings France vs EUIPO – Dermavita Company (JUVEDERM) 50

2020/C 279/64 Kawża T-403/20: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2020 – Wuxi Suntech Power vs Il-Kummissjoni 50

2020/C 279/65 Kawża T-408/20: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2020 – KR vs Il-Kummissjoni 52

2020/C 279/66 Kawża T-409/20: Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – KS vs Frontex 52

2020/C 279/67 Kawża T-417/20: Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – Esteves Lopes Granja vs EUIPO – Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (PORTWO GIN) 53

2020/C 279/68 Kawża T-418/20: Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – GitLab vs EUIPO – Gitlab (GitLab) 54

2020/C 279/69 Kawża T-419/20: Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – Deutsche Kreditbank vs SRB 55

2020/C 279/70 Kawża T-424/20: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Portigon vs SRB 55

2020/C 279/71 Kawża T-426/20: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Techniplan vs Il-Kummissjoni 56

2020/C 279/72 Kawża T-427/20: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Max Heinr.Sutor vs SRB 57

2020/C 279/73 Kawża T-428/20: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Deutsche Hypothekenbank vs SRB 58

2020/C 279/74 Kawża T-429/20: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Sedus Stoll vs EUIPO – Kappes (Sedus ergo +) 60

2020/C 279/75 Kawża T-430/20: Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 – KV vs Il-Kummissjoni 60

2020/C 279/76 Kawża T-431/20: Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 – UniCredit Bank vs SRB 61

2020/C 279/77 Kawża T-433/20: Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2020 – KY vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 62

2020/C 279/78 Kawża T-436/20: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2020 – Sedus Stoll vs EUIPO – Kappes (Sedus ergo+) 63

2020/C 279/79 Kawża T-437/20: Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2020 – Ultrasun vs EUIPO (ULTRASUN) 63

2020/C 279/80 Kawża T-450/20: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2020 – Tempora vs Il-Parlament 64

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2020/C 279/01)

L-aħħar pubblikazzjoni

ĠU C 271, 17.8.2020

Pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 262, 10.8.2020

ĠU C 255, 3.8.2020

ĠU C 247, 27.7.2020

ĠU C 240, 20.7.2020

ĠU C 230, 13.7.2020

ĠU C 222, 6.7.2020

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-92/18) [1]

(Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Protokoll dwar il-Lokalità tas-Sede tal-Istituzzjonijiet u ta' ċerti Organi, Korpi u Dipartimenti tal-Unjoni Ewropea – Parlament Ewropew – Kunċett ta' "sessjoni tal-baġit" li tinżamm fi Strasbourg (Franza) – Artikolu 314 TFUE – Eżerċizzju tas-setgħa baġitarja matul sessjoni parzjali plenarja addizzjonali fi Brussell (il-Belġju))

(2020/C 279/02)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. de Moustier, A.-L. Desjonquères, J.-L. Carré, F. Alabrune, D. Colas u B. Fodda, sussegwentement minn E. de Moustier, A.-L. Desjonquères, A. Daly, J.-L. Carré, aġenti)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. Crowe, U. Rösslein u S. Lucente, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: inizjalment minn D. Holderer, C. Schiltz u T. Uri, sussegwentement minn C. Schiltz u T. Uri, aġenti)

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Parlament Ewropew.

3) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

[1] ĠU C 44, 4.2.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – HF vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-570/18 P) [1]

(Appell – Servizz pubbliku – Parlament Ewropew – Membru tal-persunal bil-kuntratt – Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Fastidju psikoloġiku – Talba għal assistenza – Dritt għal smigħ – Ċaħda tat-talba għal assistenza – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju)

(2020/C 279/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: HF (rappreżentant: A. Tymen, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u T. Lazian, agenti)

Dispożittiv

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament (T-218/17, EU:T:2018:393), hija annullata.

2) Id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Persunal tal-Parlament Ewropew, li jaġixxi bħala l-awtorità bis-setgħa tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ ta' din l-istituzzjoni, tat-3 ta' Ġunju 2016, li tiċħad it-talba għal assistenza, fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, mitluba minn HF, hija annullata.

3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

4) Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn HF, marbuta kemm mal-proċedura tal-ewwel istanza u kemm mal-proċedura tal-appell.

([1]) ĠU C 455, 17.12.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – VTB Bank PAO, li kien VTB Bank OAO vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-729/18 P) ([1])

(Appell – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni tar-Russja li jiddestabbilixxu s-sitwazzjoni fl-Ukraina – Inklużjoni ta' isem l-appellanti fuq il-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi – Prinċipju ta' proporzjonalità – Dritt għall-proprjetà – Dritt li tiġi eżerċita attività ekonomika)

(2020/C 279/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: VTB Bank PAO, li kien VTB Bank OAO (rappreżentanti: M. Lester, QC, M. J. Dawid, barrister, M. C. Claypoole, solicitor, u J. Ruiz Calzado, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M.-M. Joséphidès u M. J.-P. Hix, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Norris, A. Tizzano u L. Havas, sussegwentement minn J. Norris u L. Havas, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) VTB Bank PAO hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawn sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

([1]) ĠU C 93, 11.3.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – SC vs Eulex Kosovo

(Kawża C-730/18 P) [1]

(Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Persunal tal-missjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea – Kompetizzjoni interna – Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' xogħol – Att separabbli mill-kuntratt)

(2020/C 279/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: SC (rappreżentanti: A. Kunst, Rechtsanwältin, L. Moro, avvocatessa)

Parti oħra fil-proċedura: Eulex Kosovo (rappreżentant: E. Raoult, advocate)

Dispożittiv

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Settembru 2018, SC vs Eulex Kosovo (T-242/17, EU:T:2018:586), huwa annullat.

2) Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

[1] ĠU C 112, 25.03.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-731/18 P) [1]

(Appell – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjoniiet tal-Federazzjoni tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Inklużjoni u mbgħad żamma tal-isem tar-rikorrent fuq il-lista tal-entitajiet li japplikaw għalihom il-miżuri restrittivi – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Abbuż ta' poter – Dritt għall-proprjetà – Ugwaljanza fit-trattament)

(2020/C 279/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) (rappreżentanti: J. Viñals Camallonga u J. Iriarte Ángel, abogados)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u P. Mahnič, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn S. Pardo Quintillán, A. Tizzano u C. Zadra, sussegwentement minn S. Pardo Quintillán u M. J. Roberti di Sarsina, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

(1) ĠU C 65, 18.2.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Haskovo – il-Bulgarija, u tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – QH vs Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria (C-762/18), CV vs Iccrea Banca SpA (C-37/19)

(Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Direttiva 2003/88/CE – Artikolu 7 – Ħaddiem imkeċċi illegalment u rreintegrat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja fil-funzjonijiet tiegħu – Esklużjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas mhux meħud għall-perijodu bejn it-tkeċċija u r-reintegrazzjoni – Assenza tad-dritt għal kumpens finanzjarju għal leave annwali mhux meħud għall-istess perijodu fil-każ ta' terminazzjoni sussegwenti tar-relazzjoni ta' impjieg)

(2020/C 279/07)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qrati tar-rinviju

Rayonen sad Haskovo, Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: QH (C-762/18), CV (C-37/19)

Konvenuti: Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria (C-762/18), Iccrea Banca SpA (C-37/19)

fil-preżenza ta': Prokuratura na Republika Bulgaria (C-762/18)

Dispożittiv

1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma għandux dritt għal leave annwali mħallas għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, għar-raġuni li, matul dan il-perijodu, dan il-ħaddiem ma wettaqx xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjega.

2) L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha, fil-każ ta' terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg li sseħħ wara li l-ħaddiem ikkonċernat ġie mkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, dan il-ħaddiem ma għandux dritt għal kumpens finanzjarju abbażi tal-leave annwali mħallas mhux użat matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu.

(1) ĠU C 54, 11.02.2019
ĠU C 182,27.05.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Timişoara – ir-Rumanija) – SC Terracult SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara –Administrația Județeană a Finanțelor Publice Arad – Serviciul Inspecție Fiscală Persoane Juridice 5, ANAF Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara Serviciul de Soluționare a Contestațiilor

(Kawża C-835/18) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Rettifika ta' fattura – Taxxa ffatturata b'mod żbaljat – Rimbors tat-taxxa mħallsa indebitament – Mekkaniżmu tal-awtolikwidazzjoni tal-VAT – Tranżazzjonijiet marbuta ma' perijodu fiskali li diġà kienu s-suġġett ta' kontroll fiskali – Newtralità fiskali – Prinċipju ta' effettività – Proporzjonalità)

(2020/C 279/08)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Timişoara

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Terracult SRL

Konvenuti: Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara –Administrația Județeană a Finanțelor Publice Arad – Serviciul Inspecție Fiscală Persoane Juridice 5, ANAF Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timişoara Serviciul de Soluționare a Contestațiilor

Dispożittiv

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/43/UE tat-22 ta' Lulju 2013, kif ukoll il-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew prattika amministrattiva nazzjonali li ma tippermettix li persuna taxxabbli, li wettqet tranżazzjonijiet li sussegwentement irriżultaw li kienu jaqgħu taħt il-mekkaniżmu tal-awtolikwidazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), tikkoreġi l-fatturi relatati ma' dawn it-tranżazzjonijiet, u li tinvokahom, permezz tar-rettifika ta' dikjarazzjoni tat-taxxa preċedenti jew permezz tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ġdida tat-taxxa li tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjoni hekk imwettqa, għar-rimbors tal-VAT iffatturata u mħallsa indebitament minn din il-persuna taxxabbli, għar-raġuni li l-perijodu li matulu twettqu l-imsemmija tranżazzjonijiet diġà kien is-suġġett ta' kontroll fiskali li fi tmiemu l-awtorità fiskali kompetenti kienet ħarġet stima tat-taxxa li, peress li ma ġietx ikkontestata mill-imsemmija persuna taxxabbli, kienet saret definittiva.

[1] ĠU C 131, 08.04.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Centre satellitaire de l'Union européenne vs KF, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-14/19 P) [1]

(Appell – Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) – Membru tal-persunal bil-kuntratt tas-SATCEN – Ilmenti għal fastidju psikoloġiku – Investigazzjoni amministrattiva – Talba għal assistenza – Sospensjoni tal-membru tal-persunal – Proċeduri dixxiplinari – Tneħħija tal-membru tal-persunal – Bord tal-Appelli tas-SATCEN – Għoti ta' ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwim tal-persunal tas-SATCEN – Rikors għal annullament – L-ewwel u l-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Rikors għad-danni – Artikolu 268 TFUE – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Ammissibbiltà – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Natura kuntrattwali tat-tilwima – Artikoli 272 u 274 TFUE – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali – Żnaturament tal-fatti u tal-provi – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba)

(2020/C 279/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Centre satellitaire de l'Union européenne (rappreżentant: A. Guillerme, avocate)

Partijiet oħra fil-proċedura: KF (rappreżentanti: N. Macaulay, barrister, u A. Kunst, Rechtsanwältin), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u A. Vitro, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż sostnuti minn KF.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

[1] ĠU C 164, 13.5.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – WM vs Stadt Frankfurt am Main

(Kawża C-18/19) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Direttiva 2008/115/KE – Standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment – Kundizzjonijiet ta' detenzjoni – Artikolu 16(1) – Detenzjoni f'faċilità korrettiva għal finijiet ta' tneħħija – Ċittadin ta' pajjiżi terzi li jirrappreżenta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika)

(2020/C 279/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: WM

Konvenut: Stadt Frankfurt am Main

Dispożittiv

L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li ċittadin ta' pajjiżi terzi li jirrisjedi irregolarment jiġi detenut f'faċilità korrettiva għal finijiet ta' tneħħija, separatament mill-priġunjieri ordinarji, għar-raġuni li huwa jirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà jew is-sigurtà interna jew esterna tal-Istat Membru kkonċernat.

(1) ĠU C 112, 25.03.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad voor Vergunningsbetwistingen – il-Belġju) – A *et* vs Gewestelijke stedenbouwkundige ambtenaar van het departement Ruimte Vlaanderen, afdeling Oost-Vlaanderen

(Kawża C-24/19) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Stima tal-effetti fuq l-ambjent – Permess ta' żvilupp urban għall-installazzjoni u għall-użu ta' eoliċi – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' "pjanijiet u programmi" – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess stabbiliti b'digriet u ċirkulari – Artikolu 3(2)(a) – Atti nazzjonali li jiddefinixxu qafas li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Assenza ta' evalwazzjoni ambjentali – Żamma tal-effetti tal-atti nazzjonali u tal-permessi maħruġa abbażi tagħhom wara li tkun ġiet ikkonstatata n-nuqqas ta' konformità ta' dawn l-atti mad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet)

(2020/C 279/11)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad voor Vergunningsbetwistingen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A, B, C, D, E

Konvenut: Gewestelijke stedenbouwkundige ambtenaar van het departement Ruimte Vlaanderen, afdeling Oost-Vlaanderen

fil-prezenza ta': Organisatie voor Duurzame Energie Vlaanderen VZW

Dispożittiv

1) L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" digriet u ċirkulari, adottati mill-gvern ta' entità federali ta' Stat Membru, li t-tnejn li huma jinkludu dispożizzjonijiet differenti dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi.

2) L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxu pjanijiet u programmi li għandhom jiġu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali skont din id-dispożizzjoni, digriet u ċirkulari, li t-tnejn li huma jinkludu dispożizzjonijiet differenti dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi, fosthom miżuri dwar il-projezzjoni ta' dell, is-sigurtà kif ukoll l-istandards dwar il-ħoss.

3) Fil-każ li jidher li evalwazzjoni ambjentali, fis-sens tad-Direttiva 2001/42, kellha titwettaq qabel l-adozzjoni tad-digriet u taċ-ċirkulari li fuqhom huwa bbażat permess dwar l-installazzjoni ta' eoliċi kkontestat quddiem qorti nazzjonali, b'tali mod li dawn l-atti u dan il-permess ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, din il-qorti tista' żżomm l-effetti tal-imsemmija atti u tal-imsemmi permess biss jekk id-dritt intern jippermettilha tagħmel dan fil-kuntest tal-kawża li hija tkun adita biha, u fil-każ li l-annullament tal-imsemmi permess x'aktarx ikollu riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq il-provvista tal-elettriku għall-Istat Membru kollu kkonċernat u dan biss matul iż-żmien strettament neċessarju sabiex din l-illegalità tiġi rrimedjata. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha, jekk ikun il-każ, tagħmel din l-evalwazzjoni fil-kawża prinċipali.

(1) ĠU C 139, 15.4.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Gregor Schneider vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-116/19 P) (1)

(Appell – Servizz Pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Riorganizzazzjoni interna tad-dipartimenti tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) – Assenjazzjoni mill-ġdid – Bażi legali – Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Interess tas-servizz – Bidliet sostanzjali tal-kompiti – Kwalifika – Trasferiment – Bidla fil-pożizzjoni – Użu ħażin ta' poter – Dritt għal smigħ – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ xieraq – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)

(2020/C 279/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Gregor Schneider (rappreżentant: H. Tettenborn, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiūtė, aġent, B. Wägenbaur, Rechtsanwalt)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Gregor Schneider huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 213, 24.6.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs CX

(Kawża C-131/19 P) [1]

(Appell – Servizz pubbliku – Proċedura dixxiplinari – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal smigħ – Anness IX tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 4 – Possibbiltà għall-uffiċjal li ma jistax jinstema' li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub jew li jkollu rappreżentant – Artikolu 22 – Smigħ tal-uffiċjal mill-Awtorità tal-Ħatra qabel l-adozzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari – Allegata inkapaċità mill-uffiċjal li jinstema' kif ukoll li jagħmel osservazzjonijiet bil-miktub jew li jkollu rappreżentant – Evalwazzjoni tal-provi mediċi – Nuqqas ta' risposta mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal argumenti invokati fl-ewwel istanza)

(2020/C 279/13)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid, T. S. Bohr u C. Ehrbar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: CX (rappreżentant: É. Boigelot, avocat)

Dispożittiv

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Diċembru 2018, CX vs Il-Kummissjoni (T-743/16 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2018:937), hija annullata.

2) Il-kawża hija mibgħuta quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

[1] ĠU C 182, 27.05.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – proċedura mressqa minn Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö

(Kawża C-215/19) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Provvista ta' servizzi – Artikolu 135(1)(l) – Eżenzjoni mill-VAT – Kiri ta' proprjetajiet immobbli – Kunċett ta' "proprjetajiet immobbli" – Esklużjoni – Artikolu 47 – Post fejn jitwettqu tranżazzjonijiet taxxabbli – Forniment tas-servizzi relatati ma' proprjetà immobbli – Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 – Artikoli 13b u 31a – Armarji – Servizzi ta' hosting fiċ-ċentru ta' data)

(2020/C 279/14)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö

fil-preżenza ta': A Oy

Dispożittiv

1) L-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li servizzi ta' hosting f'ċentru ta' data li fil-kuntest tagħhom il-fornitur ta' dawn is-servizzi jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-klijenti tiegħu, sabiex huma jinstallaw hemmhekk is-servers tagħhom, armarji u jipprovdilhom oġġetti u servizzi anċillari, bħalma huma l-elettriku u diversi servizzi intiżi sabiex jiżguraw l-użu ta' dawn is-servers f'kundizzjonijiet ottimali, ma jikkostitwixxux servizzi ta' kiri ta' proprejtajiet immobbli li jaqa' taħt l-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud prevista f'din id-dispożizzjoni, peress li, hija l-qorti tar-rinviju li tivverifika, minn naħa, jekk dan il-fornitur ma jqegħedx għad-dispożizzjoni b'mod passiv ta' superfiċji jew ta' post lill-klijenti tiegħu billi jiggarantilhom id-dritt li jokkupawh bħallikieku kienu proprjetarji u, minn naħa l-oħra, l-armarji ma humiex parti integrali tal-proprjetà li fiha huma installati, lanqas ma huma installati "b'mod permanenti".

2) L-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8 u l-Artikolu 31a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, għandhom jiġu interpretati fis-sens li servizzi ta' hosting f'ċentru ta' data li fil-kuntest tagħhom il-fornitur ta' dawn is-servizzi jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-klijenti tiegħu, sabiex jinstallaw hemmhekk is-servers tagħhom, armarji u jipprovdilhom oġġetti u servizzi anċillari, bħalma huma l-elettriku u diversi servizzi intiżi sabiex jiżguraw l-użu ta' dawn is-servers f'kundizzjonijiet ottimali, ma jikkostitwixxux servizzi li jorbtu ma' proprjetà immobbli, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, meta dawn il-klijenti ma jgawdux minn, li huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika, dritt ta' użu esklużiv tal-parti tal-proprjetà immobbli li fiha huma installati l-armarji.

(1) ĠU C 164, 13.5.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) – ir-Renju Unit) – Blackrock Investment Management (UK) Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-231/19) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(g) – Eżenzjonijiet mill-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment – Provvista ta' unika użata għall-immaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment u ta' fondi oħra)

(2020/C 279/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Blackrock Investment Management (UK) Limited

Konvenuti: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Dispożittiv

L-Artikolu 135(1) (g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista waħda ta' servizzi ta' amministrazzjoni pprovduta minn pjattaforma tal-informatika li tappartjeni lil fornitur terz favur kumpannija ta' amministrazzjoni ta' fondi li tinkludi kemm fondi komuni ta' investiment kif ukoll fondi oħra ma taqax taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

(1) ĠU C 172, 20.05.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG

(Kawża C-380/19) ([1])

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2013/11/UE – Soluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim – Artikolu 13(1) u (2) – Informazzjoni obbligatorja – Aċċessibbiltà għall-informazzjoni)

(2020/C 279/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

Konvenuta: Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG

Dispożittiv

L-Artikolu 13(1) u (2) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) għandu jiġi interpretat fis-sens li negozjant, li jagħmel aċċessibbli fuq is-sit internet tiegħu l-kundizzjonijiet ġenerali ta' kuntratti ta' bejgħ jew ta' servizz, iżda li ma jikkonkludix kuntratti mal-konsumaturi permezz ta' dan is-sit, huwa obbligat li jinkludi f'dawn il-kundizzjonijiet ġenerali l-informazzjoni relatata mal-entità jew mal-entitajiet ta' soluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim li jaqa' taħthom dan in-negozjant, meta dan tal-aħħar jimpenja ruħu li jirrikorri għal din l-entità jew għal dawn l-entitajiet jew ikun obbligat li jirrikorri għalihom sabiex isolvi t-tilwim mal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, la huwa biżżejjed li l-imsemmi negozjant jippreżenta din l-informazzjoni f'dokumenti oħra aċċessibbli fuq l-imsemmi sit jew f'tabs oħra tiegħu, u lanqas li jipprovdi l-imsemmija informazzjoni lill-konsumatur waqt il-konklużjoni tal-kuntratt suġġett għall-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali permezz ta' dokument separat minnhom.

([1]) ĠU C 288, 26.8.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wien – l-Awstrija) – IE vs Magistrat der Stadt Wien

(Kawża C-477/19) ([1])

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 12(1) – Sistema ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi ta' annimali – Anness IV – Cricetus cricetus (ħamster komuni) – Postijiet ta' mistrieħ u siti ta' tgħammir – Deterjorazzjoni jew qerda – Postijiet abbandunati)

(2020/C 279/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wien

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IE

Konvenuta: Magistrat der Stadt Wien

Dispożittiv

L-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "postijiet ta' mistrieħ", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, jinkludi wkoll il-postijiet ta' mistrieħ li ma jkunux iktar okkupati minn waħda mill-ispeċi ta' annimali protetti li jinsabu indikati fl-Anness IV(a) tal-imsemmija direttiva, bħall-Cricetus cricetus (ħamster komuni), sa fejn ikun hemm probabbiltà suffiċjentement kbira li l-imsemmija speċi tiġi lura f'dawn il-postijiet ta' mistrieħ, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

(1) ĠU C 328, 30.9.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – mk advokaten GbR vs MBK Rechtsanwälte GbR

(Kawża C-684/19) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks – Direttiva 2008/95/KE – Artikolu 5(1) – Użu fil-kummerċ ta' sinjal identiku jew simili għal trade mark ta' ħaddieħor għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili għal dawk li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata – Portata tal-kelma "użaw" – Reklam imqiegħed online fuq sit internet fuq ordni ta' persuna li topera fil-kummerċ u wara riprodott fuq siti internet oħra)

(2020/C 279/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: mk advokaten GbR

Konvenuta: MBK Rechtsanwälte GbR

Dispożittiv

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li topera fil-kummerċ u li qiegħdet fuq sit internet reklam li jippreġudika trade mark ta' ħaddieħor ma tkunx qiegħda tuża s-sinjal identiku għal din it-trade mark meta l-operaturi ta' siti internet oħra jirriproduċu dan ir-reklam billi jqegħduh, fuq l-inizjattiva tagħhom u f'isimhom stess, online fuq dawn is-siti l-oħra.

(1) ĠU C 413, 9.12.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana – Spanja) – proċedura li tikkonċerna lil VL

(Kawża C-36/20 PPU) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 6 – Aċċess għall-proċedura – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali magħmula lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali sabiex tirreġistra tali applikazzjonijiet – Applikazzjoni magħmula lil awtoritajiet oħra li x'aktarx jirċievu tali applikazzjonijiet iżda li ma għandhomx, taħt il-liġi nazzjonali, kompetenza sabiex jirreġistrawhom – Kunċett ta' "awtoritajiet oħra" – Artikolu 26 – Detenzjoni – Standards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8 – Detenzjoni tal-applikant – Raġunijiet għad-detenzjoni – Deċiżjoni li qiegħdet applikant f'detenzjoni minħabba nuqqas ta' post ta' akkomodazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja)

(2020/C 279/19)

Lingwa tal-kawża:l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana

Partijiet fil-kawża prinċipali

VL

fil-preżenza ta': Ministerio Fiscal

Dispożittiv

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti istruttorja adita sabiex tiddeċiedi dwar id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari għall-finijiet tar-refoulement tiegħu tinsab fost l-"awtoritajiet oħra" msemmija minn din id-dispożizzjoni, li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali iżda ma għandhomx il-kompetenza, taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jirreġistrawhom.

2) It-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32 għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti istruttorja għandha, fil-kwalità tagħha ta' "awtorità oħra" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minn naħa, tinforma liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari bil-modalitajiet ta' kif tiġi ppreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u, min-naħa l-oħra, meta ċittadin ikun wera r-rieda tiegħu li jagħmel tali applikazzjoni, tittrażmetti l-fajl lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija applikazzjoni sabiex dan iċ-ċittadin ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u ta' kura tas-saħħa previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

3) L-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/32 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari li jkun wera r-rieda tiegħu li jitlob il-protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32, ma jistax jitqiegħed f'detenzjoni għal raġuni differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33.

[1] ĠU C C137, 27.4.2020.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fis-17 ta' April 2019 – KPKONPI vs ZV, AX, "Meditsinski tsentar po dermatologia i estetichna meditsina PRIMA DERM" OOD

(Kawża C-319/19)

(2020/C 279/20)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski gradski sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Komisia za protivodeystvie na koruptsiata i otnemane na nezakonno pridobito imushtestvo (KPKONPI)

Konvenuti: ZV, AX, "Meditsinski tsentar po dermatologia i estetichna meditsina PRIMA DERM" OOD

Domandi preliminari

1) Mizura ta' ċaħda ta' proprjetà miksuba illegalment hija miżura tad-dritt kriminali fis-sens tad-Direttiva 2014/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea ([1]) jew miżura tad-dritt ċivili f'sitwazzjoni fejn:

(A) l-għan taċ-ċaħda ta' proprjetà, kif iddikjarat mil-liġi nazzjonali, huwa l-prevenzjoni ġenerali tal-possibbiltajiet li tinkiseb proprjetà illegalment u li tiġi ttrasferita tali proprjetà, iżda dan mingħajr ma l-konfiska ma hija suġġetta għall-kundizzjoni li jitwettaq reat jew ksur ieħor jew għall-eżistenza ta' rabta diretta jew indiretta bejn il-ksur u l-proprjetà akkwistata;

(B) it-theddida ta' ċaħda ma tikkonċernax oġġett individwali iżda (I) il-proprjetà kollha tal-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika, (II) id-drittijiet ta' proprjetà ta' terzi (persuni fiżiċi u ġuridiċi) akkwistati bi ħlas jew mingħajr ħlas mingħand il-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika u (III) id-drittijiet ta' proprjetà tal-persuni li jkunu involuti bħala msieħba mal-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika u ta' terzi;

(C) l-unika kundizzjoni għaċ-ċaħda hija l-invokazzjoni ta' preżunzjoni inkonfutabbli ta' illegalità tal-proprjetà kollha li fir-rigward tagħha ma jkunx ġie stabbilit l-oriġini legali tagħha (mingħajr definizzjoni minn qabel tat-tifsira ta' "oriġini legali jew illegali");

(D) tiddefinixxi mill-ġdid il-legalità tal-proprjetà akkwistata għall-persuni kkonċernati kollha (il-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika, terzi u persuni li kienu involuti bħala msieħba fil-passat) b'effett retroattiv għal għaxar snin bħala konsegwenza tal-assenza ta' prova li tistabbilixxi l-oriġini tal-akkwist tal-proprjetà tal-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika, liema prova ma kienx hemm obbligu legali li tiġi prodotta fil-mument tal-akkwist tad-dritt ta' proprjetà speċifiku inkwistjoni?

2) L-istandards minimi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/42 dwar id-drittijiet iggarantiti lill-proprjetarji u lil terzi għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu li d-dritt u l-prassi ġudizzjarja nazzjonali jipprevedu konfiska mingħajr ma jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-konfiska previsti fl-Artikolu 4, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/42 f'sitwazzjoni fejn il-proċeduri kriminali kontra l-persuna kkonċernata jkunu twaqqfu minħabba l-assenza ta' reat kriminali (ikkonstatat mill-qorti) jew fejn il-persuna kkonċernata tkun ġiet illiberata minħabba l-assenza ta' reat kriminali?

3) B'mod partikolari, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-salvagwardji rrikonoxxuti f'din id-dispożizzjoni fir-rigward tad-drittijiet ta' persuna li tkun instabet ħatja u li l-proprjetà tagħha tkun suġġetta għal konfiska għandhom jiġu applikati anki fil-każ, bħal dak ineżami, ta' proċedura li tiżvolġi b'mod parallel u indipendenti mill-proċeduri kriminali?

4) Il-preżunzjoni ta' innoċenza, stabbilita fl-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżit ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, stabbilit fl-Artikolu 48(2) tagħha u l-prinċipju ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li:

— toħloq preżunzjoni li l-proprjetà li l-oriġini tagħha ma tkunx ġiet stabbilita jew ipprovata għandha natura kriminali (Artikolu 1(2) taż-Zakon za otnemane v polza na darshavata na nezakonno pridobito imushtestvo (il-Liġi dwar iċ-Ċaħda Favur l-Istat ta' Proprjetà Akkwistata Illegalment) (imħassra) (iktar 'il quddiem iż-ZOPDIPI);

— toħloq preżunzjoni li jeżistu raġunijiet plawżibbli sabiex jiġi ssuspettat li l-proprjetà kienet akkwistata illegalment (Artikolu 21(2) taż-ZOPDIPI, imħassra);

— taqleb l-oneru tal-prova tal-oriġini tal-proprjetà u tar-riżorsi użati sabiex tiġi akkwistata mhux biss għall-persuna li tkun is-suġġett ta' verifika iżda wkoll għal terzi, li jkollhom jipprovaw l-oriġini mhux tal-proprjetà tagħhom iżda dak tal-proprjetà tal-predeċessur tagħhom, u dan anki meta jkunu akkwistaw il-proprjetà bi ħlas;

— tintroduċi l-kunċett ta' "patrimonju sproporzjonat" bħala prova unika u determinanti tal-eżistenza ta' proprjetà akkwistata illegalment;

— taqleb l-oneru tal-prova għall-persuni kkonċernati kollha u mhux biss għall-persuna li tkun instabet ħatja, u dan sa minn qabel il-kundanna ta' din tal-aħħar u indipendentement minnha;

— tippermetti l-applikazzjoni ta' metodoloġija ta' riċerka u ta' analiżi legali u ekonomika li fuq il-bażi tagħha tiġi stabbilita l-preżunzjoni tan-natura illegali tal-proprjetà kkonċernata, kif ukoll il-valur tagħha, preżunzjoni din li hija vinkolanti għall-qorti li tagħti d-deċiżjoni mingħajr ma tkun tista' teżerċita stħarriġ sħiħ fir-rigward tal-kontenut u tal-applikazzjoni tal-metodoloġija?

5) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li liġi nazzjonali tissostitwixxi r-raġunijiet plawżibbli għal suspett (fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi tal-każ investigati u eżaminati mill-qorti) li l-proprjetà kienet ġiet akkwistata bħala riżultat ta' aġir kriminali bil-preżunzjoni ta' illegalità tal-oriġini tal-arrikkiment ibbażata biss fuq il-konstatazzjoni li l-arrikkiment huwa ta' natura ikbar minn valur speċifiku stabbilit fid-dritt nazzjonali (pereżempju EUR 75 000 f'perijodu ta' għaxar snin)?

6) Id-dritt għall-proprjetà, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li:

— tintroduċi preżunzjoni inkonfutabbli dwar il-kontenut u l-portata tal-proprjetà akkwistata illegalment (Artikolu 63 (2) taż-ZOPDIPI, imħassra);

— tintroduċi preżunzjoni inkonfutabbli ta' illegalità tat-tranżazzjonijiet ta' akkwist u ta' trasferiment (Artikolu 65 taż-ZOPDIPI, imħassra) jew

— tillimita d-drittijiet ta' terzi li jkollhom jew li jinvokaw drittijiet awtonomi fir-rigward tal-proprjetà li tkun is-suġġett ta' ċaħda fil-kuntest tal-proċedura għan-notifika tal-kawża lil terzi konformement mal-Artikolu 76(1) taż-ZOPDIPI (imħassra)?

7) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) u tal-Artikolu 8(1) sa (10) tad-Direttiva 2014/42 għandhom effett dirett sa fejn jipprevedu garanziji u salvagwardji għall-persuni kkonċernati mill-konfiska jew għal terzi li jkunu aġixxew *in bona fide*?

(1) ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114.

Appell ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2019 minn Paix et justice pour les juifs séfarades en Israël mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-337/19 – Paix et justice pour les juifs séfarades en Israël vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill tal-Ewropa

(Kawża C-798/19 P)

(2020/C 279/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Paix et justice pour les juifs séfarades en Israël (rappreżentant: R. Paternel, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Ewropa

Permezz ta' digriet tas-27 ta' Mejju 2020 il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli.

Appell ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019 minn Roxtec AB mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-24 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-261/18, Roxtec vs EUIPO – Wallmax

(Kawża C-893/19 P)

(2020/C 279/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Roxtec AB (rappreżentanti: T. Lampel, Rechtsanwalt, K. Wagner, Rechtsanwältin, J. Olsson, advokat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Wallmax Srl

B'digriet tat-12 ta' Marzu 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fit-12 ta' Frar 2020 – Wilo Salmson France SAS vs Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Administrația Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenți

(Kawża C-80/20)

(2020/C 279/23)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Bucureşti

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wilo Salmson France SAS

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Bucureşti – Administrația Fiscală pentru Contribuabili Nerezidenți

Domandi preliminari

1) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 167, moqri flimkien mal-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112/KE ([1]): hemm distinzjoni bejn il-mument tat-tnissil u l-mument tal-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis fir-rigward tal-mod kif topera s-sistema tal-VAT?

   F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk id-dritt għal tnaqqis tal-VAT jistax jiġi eżerċitat fl-assenza ta' fattura fiskali (valida) maħruġa għax-xiri tal-oġġetti mwettaq.

2) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-istess dispożizzjonijiet, moqrija flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2008/9/KE ([2]): liema huwa l-punt ta' riferiment proċedurali li permezz tiegħu għandha tiġi evalwata ir-regolarità tal-eżerċizzju tad-dritt għal rimbors tal-VAT?

   F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk tistax issir talba għal rimbors tal-VAT li saret dovuta qabel il-"perijodu ta' rimbors", iżda li l-fatturazzjoni tagħha saret waqt il-perijodu ta' rimbors.

3) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-istess dispożizzjonijiet tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2008/9, moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 167 u tal-Artikolu 178 tad-Direttiva 2006/112: liema huma l-effetti tal-annullament ta' fatturi u tal-ħruġ ta' fatturi ġodda għax-xiri ta' oġġetti qabel il-"perijodu ta' rimbors" fuq l-eżerċizzju tad-dritt għal rimbors tal-VAT relatata ma' dan ix-xiri?

   F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk, f'każ ta' annullament mill-fornitur tal-fatturi inizjali maħruġa għax-xiri ta' oġġetti u tal-ħruġ sussegwenti ta' fatturi ġodda, l-eżerċizzju tad-dritt tal-benefiċjarju li jitlob rimbors tal-VAT fuq dan ix-xiri għandux jintrabat mad-data tal-fatturi l-ġodda. Dan huwa previst fil-każ li la l-annullament tal-fatturi inizjali u lanqas il-ħruġ tal-fatturi ġodda ma huma fil-kontroll tal-benefiċjarju, iżda huma biss esklużivament fid-diskrezzjoni tal-fornitur.

4) Leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tissuġġetta r-rimbors tal-VAT mogħti konformement mad-Direttiva [2008/9] għal kundizzjoni ta' eżiġibbiltà sa fejn il-fattura t-tajba tinħareġ matul il-perijodu li fiha saret l-applikazzjoni?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

(2) Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/EC, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU 2008, L 44, p. 23).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija) fit-12 ta' Frar 2020 – SC Mitliv Exim SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

(Kawża C-81/20)

(2020/C 279/24)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul București

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Mitliv Exim SRL

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1), id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325 TFUE, f'ċirkustanzi bħal dawk fit-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fit-tilwima fil-kawża prinċipali, li tippermetti l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sanzjoni fil-konfront ta' persuna taxxabbli li hija persuna ġuridika, kemm fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva kif ukoll fil-kuntest ta' proċedura kriminali, proċeduri li jsiru fl-istess waqt kontriha, għall-istess atti materjali ta' evażjoni fiskali, sakemm is-sanzjoni li tirriżulta mill-proċedura amministrattiva tista' tkun ikkaratterizzata wkoll bħala ta' natura kriminali, konformement mal-kriterji stipulati mill-qorti Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha, u sa liema punt dawn il-passi kollha, ladarba jittieħdu flimkien, huma ta' natura eċċessiva fir-rigward tal-istess persuna taxxabbli?

2) Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-Istat, permezz tal-awtoritajiet tat-taxxa tiegħu, ma jiħux inkunsiderazzjoni l-istess fatti materjali ta' evażjoni fiskali, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, tas-somma diġà mħallsa bħala dannu kriminali u li tirrappreżenta wkoll is-somma li tkopri d-dannu fiskali, li jagħmel din is-somma indisponibbli għal ċertu perijodu ta' żmien, sabiex sussegwentement jiġu stabbiliti wkoll fil-konfront tal-persuna taxxabbli, fil-proċedura amministrattiva, obbligi ta' taxxa anċillari għad-dejn diġà mħallas?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fl-24 ta' Frar 2020 – Siebenburgisches Nugat SRL, Hans Draser Internationales Marketing vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală a Vămilor – Direcția Regională Vamală Brașov – Biroul Vamal de Interior Sibiu

(Kawża C-99/20)

(2020/C 279/25)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Alba Iulia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Siebenburgisches Nugat SRL, Hans Draser Internationales Marketing

Konvenuti: Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală a Vămilor – Direcția Regională Vamală Brașov – Biroul Vamal de Interior Sibiu

Domanda preliminari

In-Nomenklatura Magħquda indikata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87 ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li l-merkanzija ġenerikament imsejħa "komponenti ta' virga għal purtieri u drappijiet, jew tubi lesti (miżbugħa, miksijin jew mgħottijin bil-kromju jew bin-nikil)", inkwistjoni fil-kawża preżenti, taqa' taħt is-subintestatura tariffarja 8302 41 90 jew taħt is-subintestatura 7306 30 77 ta' din in-nomenklatura?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 38).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Timişoara (ir-Rumanija) fit-28 ta' Frar 2020 – S. C. Avio Lucos SRL vs Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central

(Kawża C-116/20)

(2020/C 279/26)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Timişoara

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: S. C. Avio Lucos SRL

Konvenuti: Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agenția de Plăți şi Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central

Domandi preliminari

1) Id-dritt [tal-Unjoni] applikabbli għall-appoġġ finanzjarju għas-sena agrikola 2014, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 73/2009 ([1]) u r-Regolament Nru 1122/2009 ([2]) jipprekludi l-istabbiliment, permezz tad-dritt nazzjonali, ta' obbligu li jiġi pprovat id-dritt ta' użu fuq superfiċji agrikola sabiex jinkiseb appoġġ finanzjarju għal skemi ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji?

2) Sakemm id-dritt [tal-Unjoni] ċċitat iktar 'il fuq ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fl-ewwel domanda, id-dritt [tal-Unjoni] (inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità) jipprekludi, fil-każ partikolari fejn id-dritt ta' użu ta' superfiċji agrikola jkun iġġustifikat mill-benefiċjarju permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt għall-konċessjoni ta' superfiċji għall-mergħa (kuntratt li permezz tiegħu l-applikant kiseb id-dritt ta' użu mis-superfiċji għall-mergħa għar-riskju tiegħu u għall-vantaġġ tiegħu stess, bi ħlas) leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi, sabiex tali kuntratt ta' konċessjoni jiġi kkunsidrat konkluż skont il-liġi, il-kundizzjoni li l-konċessjonarju futur għandha esklużivament tkun persuna li trabbi jew li hija sid ta' annimali?

3) Taqa' taħt id-definizzjoni ta' attività agrikola fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 73/2009 l-attività ta' benefiċjarju ta' skema ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji li jkun ikkonkluda kuntratt għall-konċessjoni ta' superfiċji għall-mergħa sabiex jikseb id-dritt ta' użu ta' dik is-superfiċji u sabiex jikseb id-dritt għall-ħlas fis-sena agrikola 2014 u li sussegwentement jikkonkludi kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuna li trabbi l-annimali, kuntratt li permezz tiegħu huwa permess l-użu bla ħlas tal-art mogħtija permezz ta' konċessjoni bl-iskop li jirgħu annimali, bil-benefiċjarju jżomm id-dritt li jagħmel użu mill-art, iżda jobbliga ruħu li ma jxekkilx l-attività tar-ragħa u li jnaddaf is-superfiċji għall-mergħa?

4) Id-dritt [tal-Unjoni] jipprekludi interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 431(2) tal-Codul procedură civilă (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ir-Rumanija) li tikkonċerna l-awtorità ta' *res judicata* ta' sentenza li saret definittiva u li ssib li talba għal ħlas ma hijiex eliġibbli minħabba nuqqas ta' konformità mad-dritt nazzjonali dwar ir-rekwiżit tal-legalità tat-titolu tal-użu/sfruttament tal-art li għaliha kienet mitluba skema ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji fis-sena agrikola 2014 (f'tilwima li titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tapplika sanzjonijiet pluriannwali), liema interpretazzjoni xxekkel analiżi tal-konformità ta' dan ir-rekwiżit nazzjonali mad-dritt [tal-Unjoni] applikabbli għas-sena agrikola 2014 fil-kuntest ta' tilwima ġdida li teżamina l-legalità tal-att ta' rkupru ta' somom imħallsa indebitament lill-applikant għall-istess sena agrikola 2014, liema att ikun ibbażat fuq l-istess fatti u fuq l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali li kienu s-suġġett tal-analiżi tas-sentenza preċedenti li saret definittiva?

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-24 ta' Marzu 2020 – DS vs Porsche Inter Auto GmbH & Co KG u Volkswagen AG

(Kawża C-145/20)

(2020/C 279/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: DS

Konvenuti: Porsche Inter Auto GmbH & Co KG, Volkswagen AG

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li vettura bil-mutur li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (2) jkollha l-kwalità li hija normali għal prodotti tal-istess tip u li tista' tkun raġonevolment mistennija mill-konsumatur meta l-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5 (2) tar-Regolament Nru 715/2007 u li, minkejja dan, ikollha approvazzjoni tat-tip KE valida b'tali mod li tkun tista' tintuża fit-triq?

2) L-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li jkun iddiżinjat b'mod li, f'kuntest li ma jkunx dak ta' test f'kundizzjonijiet ta' laboratorju, u għalhekk f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali, ir-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-egżost jiffunzjona b'mod sħiħ biss jekk it-temperatura esterna tkun bejn 15 u 33 grad Celcius, jista' jkun aċċettabbli taħt l-Artikolu 5(2)(a) ta' dan ir-regolament, jew l-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ta' deroga hija eskluża minħabba li l-effettività sħiħa tar-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-egżost hija limitata għal kundizzjonijiet li, f'parti mill-Unjoni Ewropea, jeżistu biss f'madwar sitt xhur fis-sena?

3) L-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 1999/44 għandu jiġi interpretat fis-sens li nuqqas ta' konformità li jirriżulta mill-fatt li vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 flimkien mal-Artikolu 5 (2) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi kklassifikat bħala wieħed minuri fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni meta x-xerrej tal-vettura kien xorta waħda jixtriha li kieku kien jaf bl-eżistenza u bil-funzjonament ta' dan l-apparat?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223.

(2) ĠU 2007, L 171, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – AC vs Deutsche Lufthansa AG

(Kawża C-148/20)

(2020/C 279/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AC

Konvenuta: Deutsche Lufthansa AG

Domandi preliminari

Id-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]), ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?

5. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali Ewropej ikun iggarantit b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-data PNR ma' awtoritajiet ta' Stati terzi minn pajjiżi terzi?

([1]) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – DF vs Deutsche Lufthansa AG

(Kawża C-149/20)

(2020/C 279/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: DF

Konvenuta: Deutsche Lufthansa AG

Domandi preliminari

Id-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]), ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?

5. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali Ewropej ikun iggarantit b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-data PNR ma' awtoritajiet ta' Stati terzi minn pajjiżi terzi?

([1]) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-17 ta' Marzu 2020 – BD vs Deutsche Lufthansa AG

(Kawża C-150/20)

(2020/C 279/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: BD

Konvenuta: Deutsche Lufthansa AG

Domandi preliminari

Id-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]), ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?

5. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali Ewropej ikun iggarantit b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-data PNR ma' awtoritajiet ta' Stati terzi minn pajjiżi terzi?

(1) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Mureş (ir-Rumanija) fit-30 ta' Marzu 2020 – DG, EH vs SC Gruber Logistics SRL

(Kawża C-152/20)

(2020/C 279/31)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Mureş

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DG, EH

Konvenuta: SC Gruber Logistics SRL

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għażla tal-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' xogħol individwali teskludi l-applikazzjoni tal-liġi tal-pajjiż li fih l-impjegat normalment ikun eżerċita l-attività tiegħu jew l-eżistenza tal-għażla tal-liġi applikabbli teskludi l-applikazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(l) ta' dan ir-regolament?

2) L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 593/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-salarju minimu applikabbli fil-pajjiż li fih l-impjegat normalment ikun eżerċita l-attività tiegħu huwa dritt li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' "dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu dderogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' għażla, kienet tkun applikabbli skond il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament?

3) L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 593/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-indikazzjoni fil-kuntratt ta' xogħol individwali tad-dispożizzjonijiet tal-Codul muncii (il-Kodiċi tax-Xogħol, ir-Rumanija) huwa ekwivalenti għall-għażla tal-liġi Rumena, f'sitwazzjoni fejn huwa magħruf li fir-Rumanija hemm obbligu legali li tiddaħħal din il-klawżola dwar l-għażla fil-kontenut tal-kuntratt ta' xogħol individwali? Fi kliem ieħor, l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 593/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regoli u prattiki nazzjonali li jinkludu l-obbligu dwar l-għażla tal-liġi Rumena fil-kontenut tal-kuntratt ta' xogħol individwali?

(1) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-3 ta' April 2020 – FI vs Eurowings GmbH

(Kawża C-157/20)

(2020/C 279/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: FI

Konvenuta: Eurowings GmbH

Domanda preliminari

Għal trasportatur tal-ajru li jopera, l-istrajk tal-persunal tiegħu stess (f'dan il-każ, membri tal-ekwipaġġ tal-kabina) organizzat minn sindakat jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004? ([1])

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Győri Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-7 ta' April 2020 – "Grossmania" Mezőgazdasági Termelő és Szolgáltató Kft. vs Vas Megyei Kormányhivatal

(Kawża C-177/20)

(2020/C 279/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Győri Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: "Grossmania" Mezőgazdasági Termelő és Szolgáltató Kft.

Konvenut: Vas Megyei Kormányhivatal

Domandi preliminari

L-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'deċiżjoni mogħtija fi proċedura għal domanda preliminari, tkun iddikjarat dispożizzjoni leġiżlattiva ta' Stat Membru bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, dik id-dispożizzjoni leġiżlattiva lanqas ma tista' tiġi applikata fi proċedimenti amministrattivi jew proċeduri ġudizzjarji nazzjonali sussegwenti, minkejja li l-fatti fl-oriġini tal-proċeduri sussegwenti ma humiex totalment identiċi għal dawk tal-proċedura għal domanda preliminari preċedenti?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék [li qabel kienet Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija)] fis-7 ta' April 2020 – Pharma Expressz Szolgáltató és Kereskedelmi Kft vs Országos Gyógyszerészeti és Élelmezés-egészségügyi Intézet

(Kawża C-178/20)

(2020/C 279/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék [li qabel kienet Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság]

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pharma Expressz Szolgáltató és Kereskedelmi Kft

Konvenuta: Országos Gyógyszerészeti és Élelmezés-egészségügyi Intézet

Domandi preliminari

1) L-Artikoli 70 sa 73 tad-Direttiva 2001/83 ([1]) jimponu li prodott mediċinali li jista' jiġi pprovdut mingħajr riċetta medika fi Stat Membru għandu wkoll jiġi kkunsidrat bħala prodott mediċinali li jista' jiġi pprovdut mingħajr riċetta medika fi Stat Membru ieħor, inkluż meta f'dan l-Istat Membru l-prodott mediċinali inkwistjoni ma għandux awtorizzazzjoni għat-tqegħid fil-kummerċ u ma ġiex ikklassifikat?

2) Fl-interess tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni li jsir riferiment għaliha fl-Artikolu 36 TFUE, hija ġġustifikata restrizzjoni kwantitattiva li tissuġġetta l-possibbiltà li jiġi ordnat u pprovdut lill-pazjent prodott mediċinali li ma għandux awtorizzazzjoni għat-tqegħid fil-kummerċ fi [Stat Membru taż-ŻEE], għall-eżistenza ta' riċetta medika u ta' dikjarazzjoni tal-awtorità farmaċewtika, inkluż fil-każ fejn il-prodott mediku jkun irreġistrat fl-Istat Membru l-ieħor bħala prodott mediku mhux suġġett għal riċetta medika?

([1]) Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-5 ta' Mejju 2020 – Laudamotion GmbH vs Verein für Konsumenteninformation

(Kawża C-189/20)

(2020/C 279/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Laudamotion GmbH

Konvenuta: Verein für Konsumenteninformation

Domandi preliminari

1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 25, l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 19, skont il-każ fid-dawl ukoll tal-Artikolu 67, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-istħarriġ tan-natura abbużiva ta' ftehimiet internazzjonali li jagħtu ġurisdizzjoni skont id-Direttiva 93/13/KEE ([2]) jew dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni korrispondenti?

2) L-aħħar parti tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 ("*sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru*") għandha tiġi interpretata fis-sens li tiftaħ il-possibbiltà ta' stħarriġ sostantiv – li jmur ukoll lil hinn mill-qasam tad-dritt armonizzat – konformement mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom ġurisdizzjoni skont ftehim li jagħti ġurisdizzjoni?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tieni domanda:

   Id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni applikabbli għall-finijiet ta' stħarriġ tan-natura abbużiva fir-rigward tad-Direttiva 93/13 huma stabbiliti mid-dritt tal-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom ġurisdizzjoni skont ftehim li jagħti ġurisdizzjoni jew mil-*lex causae* tal-Istat Membru tal-qorti adita?

([1]) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-5 ta' Mejju 2020 – DocMorris NV vs Apothekerkammer Nordrhein

(Kawża C-190/20)

(2020/C 279/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DocMorris NV

Konvenuta: Apothekerkammer Nordrhein

Domanda preliminari

Huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIII, u b'mod partikolari mal-Artikolu 87(3) tad-Direttiva 2001/83 ([1]), li dispożizzjoni nazzjonali tiġi interpretata (f'dan il-każ l-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(1) tal-Gesetzes über die Werbung auf dem Gebiete des Heilwesens (il-Liġi dwar ir-Reklamar għall-Prodotti Terapewtiċi)) fis-sens li huwa pprojbit għal spiżerija li tbigħ bil-korrispondenza stabbilita fi Stat Membru ieħor li tiġbed lejha klijenti billi toffri premju fil-kuntest ta' lotterija promozzjonali peress li l-parteċipazzjoni fil-lotterija promozzjonali hija marbuta mal-preżentazzjoni ta' riċetta għal prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem suġġetta għal preskrizzjoni medika, li l-premju mwiegħed ma huwiex prodott mediċinali, iżda oġġett ieħor (f'dan il-każ rota tal-elettriku li tiswa EUR 2 500 u xkupilji tas-snien tal-elettriku), u li ma hemmx riskju li jiġi inkoraġġit użu irrazzjonali jew eċċessiv tal-prodotti mediċinali?

([1]) Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Mejju 2020 – KAHL GmbH & Co KG vs Hauptzollamt Hannover

(Kawża C-197/20)

(2020/C 279/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: KAHL GmbH & Co KG

Konvenut: Hauptzollamt Hannover

Domandi preliminari

1) In-Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda ([1]) japplikaw sa fejn għas-subintestatura 1521 9099 ([2]) tintuża l-kelma "imdewba"?

2) Jekk l-ewwel domanda magħmula tingħata risposta fin-negattiv: it-termini "mhux imsajrin" li jinsabu fis-subintestatura 1521 9091 tan-Nomenklatura Magħquda għandhom jiġu interpretati fis-sens li x-xama' tan-naħal, li ġiet imdewba fil-pajjiż li qed jesporta u li minnha l-materjal barrani ġie sseparat b'mod mekkaniku matul il-proċess tat-tidwib, li fiha jkun għad hemm materjal barrani, għandha tiġi kklassifikata taħt din is-subintestatura?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 280, 31.10.2019, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2020, L 13, p. 58, fil-ĠU 2020, L 13, p. 59 u fil-ĠU 2020, L 31, p. 10)

([2]) Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2011, C 137, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-30 ta' Marzu 2020 – Rad Service Srl Unipersonale *et* vs Del Debbio SpA *et*

(Kawża C-210/20)

(2020/C 279/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellanti: Rad Service Srl Unipersonale, Cosmo Ambiente Srl, Cosmo Scavi Srl

Konvenuti: Del Debbio SpA, Gruppo Sei Srl, Ciclat Val di Cecina Soc. Coop., Daf Costruzioni Stradali Srl fil-kwalitá ta' kumpannija mandatarja tal-grupp temporanju ta' impriżi (GTI) kkostitwit mal-impriżi GARC SpA u Edil Moter Srl

Domandi preliminari

L-Artikolu 63 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 ([1]), dwar dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, meqjus fid-dawl tal-prinċipji ta' libertà tal-istabbiliment u l-liberta' li jiġu provduti servizzi, previsti fl-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jipprekludi l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali Taljana fil-qasam tad-dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra u ta' esklużjoni ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti li previsti fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tal-Kodiċi ta' kuntratti pubbliċi, istitwit bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tat-18 ta' April 2016, li jistabbilixxi li f'każ ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa pprovduti mill-impriża awżiljari inkwantu għall-eżistenza ta' sentenzi li fihom kundanni kriminali li saru *res judicata,* li jkunu potenzjalment kapaċi juru t-twettiq ta' nuqqas professjonali gravi, l-awtorità kontraenti għandha sistematikament teskludi l-operatur ekonomiku offerent parteċipi fil-proċedura ta' sejħa għal offerti, mingħajr ma timponilu u lanqas tippermettilu li jindika impriża oħra adattata, billi jissostitwixxi tal-ewwel, kif inhu madankollu previst fl-ipoteżijiet l-oħra fejn l-entitajiet li l-operatur ekonomiku tagħhom ikun jixtieq jinvoka l-kapaċità tagħhom ma jissodisfawx kriterju rilevanti ta' għażla jew fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu motivi ta' esklużjoni obbligatorji?

([1]) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65; rettifika ĠU 2015, L 275, p. 68)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fid-19 ta' Mejju 2020 – JV vs Bundesrepublik Deutschland

(Kawża C-215/20)

(2020/C 279/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wiesbaden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: JV

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

Domandi preliminari

1) Id-Direttiva 2016/681 ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva PNR"), li bis-saħħa tagħha t-trasportaturi bl-ajru għandhom jittrasferixxu data komprensiva dwar il-passiġġieri kollha, mingħajr ebda eċċezzjoni, lill-unitajiet ċentrali responsabbli għad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (iktar 'il quddiem il-"PIU") innominati mill-Istati Membri u dan f'sitwazzjoni fejn id-data tintuża mingħajr ġustifikazzjoni għal paragun awtomatizzat ma' databases u mudelli, u mbagħad tinżamm għal perijodu ta' ħames snin, ikkunsidrata fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq u fid-dawl tar-rekwiżit ta' preċiżjoni u ta' proporzjonalità, hija kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari mal-Artikoli 7, 8 u 52 tagħha?

2) B'mod partikolari:

(a) Fid-dawl tar-rekwiżit ta' preċiżjoni suffiċjenti u ta' proporzjonalità, il-punt 9 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva PNR ikkunsidrat flimkien mal-Anness II tagħha, sa fejn jiddefinixxi l-kunċett ta' "kriminalità serja" fis-sens tad-Direttiva PNR bħala r-reati elenkati fl-Anness II li huma punibbli b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(b) Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (iktar 'il quddiem id-"data PNR") li għandha tiġi ttrasferita, sa fejn tinkludi l-ismijiet (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1), ikkunsidrata flimkien mal-punt 4 tal-Anness I tad-Direttiva PNR), informazzjoni dwar dawk li jivvjaġġaw ta' spiss (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1), ikkunsidrata flimkien mal-punt 8 tal-Anness I tad-Direttiva PNR) u l-kummenti ġenerali li jiddaħħlu f'kaxxa maħsuba għal dan l-iskop (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1), ikkunsidrata flimkien mal-punt 12 tal-Anness I tad-Direttiva PNR), hija ddefinita b'mod suffiċjenti b'tali mod li jkun iġġustifikat indħil fid-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(c) Huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll mal-għan tad-Direttiva PNR li, minbarra d-data dwar il-passiġġieri, tinġabar ukoll data dwar terzi, bħalma huma l-aġenzija tal-ivvjaġġar/aġent tal-ivvjaġġar (il-punt 9 tal-Anness I tad-Direttiva PNR), il-persuni li jkunu qegħdin jakkumpanjaw minuri (il-punt 12 tal-Anness I tad-Direttiva 12) u l-vjaġġaturi l-oħra (il-punt 17 tal-Anness I tad-Direttiva PNR)?

(d) Sa fejn tippermetti t-trasferiment, l-ipproċessar u l-ħażna ta' data PNR ta' passiġġieri minuri, id-Direttiva PNR hija kompatibbli mal-Artikoli 7, 8 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(e) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva PNR, ikkunsidrat flimkien mal-punt 18 tal-Anness I tagħha, sa fejn jippermetti t-trasferiment ta' informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri (id-data API), anki meta din tkun identika għad-data PNR, mit-trasportaturi bl-ajru lill-PIU tal-Istati Membri, huwa kompatibbli, fid-dawl tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, mal-Artikoli 8 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(f) L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva PNR, bħala l-bażi legali għad-determinazzjoni tal-kriterji għall-paragun tar-reġistri tad-data (l-hekk imsejħa mudelli), huwa bażi leġittima stabbilita mil-liġi suffiċjenti fis-sens tal-Artikolu 8(2) u tal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll tal-Artikolu 16(2) TFUE?

(g) Sa fejn id-data ttrasferita lill-PIU tal-Istati Membri tinżamm għal perijodu ta' ħames snin, l-Artikolu 12 tad-Direttiva PNR jista' jitqies li jillimita għal dak li huwa assolutament neċessarju l-indħil fid-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(h) Meta d-depersonalizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva PNR ma tkun xejn iktar minn proċess ta' psewdonimizzazzjoni li jkun jista' jinqaleb lura f'kull mument, din id-depersonalizzazzjoni twassal sabiex id-data personali titnaqqas għall-minimu meħtieġ, kif jirrikedju l-Artikoli 8 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

(i) L-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jirrikjedu li l-passiġġieri li d-data tagħhom tkun is-suġġett ta' tneħħija ta' depersonalizzazzjoni fil-kuntest ta' pproċessar ta' data dwar il-passiġġieri (Artikolu 12(3) tad-Direttiva PNR) għandhom jiġu informati dwar dan u għandhom jingħataw il-possibbiltà li jitolbu stħarriġ ġudizzjarju?

3) L-Artikolu 11 tad-Direttiva PNR, sa fejn jippermetti t-trasferiment ta' data PNR lejn pajjiżi terzi li ma jiżgurawx livell adegwat ta' protezzjoni tad-data, huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4) Ir-raba' sentenza tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva PNR tipprovdi protezzjoni adegwata kontra l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali fis-sens tar-Regolament 2016/679 ([2]) (iktar 'il quddiem il-"GDPR") u fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680 ([3]) f'sitwazzjoni fejn, fil-kuntest tal-kaxxa maħsuba għall-"kummenti ġenerali" (il-punt 12 tal-Anness I tad-Direttiva PNR), tista' tiġi ttrasferita informazzjoni bħall-għażla tal-ikel li minnha jkunu jistgħu jinstiltu konklużjonijiet dwar dawn il-kategoriji speċjali ta' data personali?

5) Huwa kompatibbli mal-Artikolu 13 tal-GDPR li t-trasportaturi bl-ajru, fuq is-sit internet tagħhom, sempliċement jirreferu lill-passiġġieri għal-liġi nazzjonali ta' traspożizzjoni (f'dan il-każ il-Gesetz über die Verarbeitung von Fluggastdaten zur Umsetzung der Richtlinie 2016/681 (il-Liġi dwar l-Ipproċessar tad-Data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri li Tittrasponi d-Direttiva 2016/681) tas-6 ta' Ġunju 2017, BGBl, p. 1484)?

---

(1) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

(2) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

(3) Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Mejju 2020 – C.E. Roeper GmbH vs Hauptzollamt Hamburg

(Kawża C-216/20)

(2020/C 279/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C.E. Roeper GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg.

Domandi preliminari

1) In-Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda (1) japplikaw sa fejn għas-subintestatura 1521 9099 (2) tintuża l-kelma "imdewba"?

2) Jekk l-ewwel domanda magħmula tingħata risposta fin-negattiv: it-termini "mhux imsajrin" li jinsabu fis-subintestatura 1521 9091 tan-Nomenklatura Magħquda għandhom jiġu interpretati fis-sens li x-xama' tan-naħal, li ġiet imdewba fil-pajjiż li qed jesporta u li minnha l-materjal barrani ġie sseparat b'mod mekkaniku matul il-proċess tat-tidwib, li fiha jkun għad hemm materjal barrani, għandha tiġi kklassifikata taħt din is-subintestatura?

---

(1) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 280, 31.10.2019, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2020, L 13, p. 58, fil-ĠU 2020, L 13, p. 59 u fil-ĠU 2020, L 31, p. 10)

(2) Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2011, C 137, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Uffiċċju tal-Imħallef tal-paci ta' Lanciano (l-Italja) fit-28 ta' Mejju 2020 – XX vs OO

(Kawża C-220/20)

(2020/C 279/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Imħallef tal-paci ta' Lanciano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: XX

Konvenut: OO

Intervenjent: WW

Domanda preliminari

L-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 TUE, l-Artikolu 67(1) u (4) u l-Artikoli 81 u 82 TFUE, moqrija flimkien mal-Artikoli 1, 6, 20, 21, 31, 34, 45 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludu dispożizzjonijiet ta' dritt intern bħall-Artikoli 42, 83 u 87 tad-Digriet-Liġi Nru 18/2020, id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-31 ta' Jannar 2020 li ddikjarat l-istat ta' urġenza sanitarja nazzjonali għal sitt xhur sal-31 ta' Lulju 2020 u l-Artikoli 14 u 263 tad-Digriet-Liġi Nru 34/2020, li estendew l-istat ta' urġenza nazzjonali dovuta għall-COVID-19 u l-paraliżi tal-ġustizzja ċivili u kriminali u tax-xogħol amministrattiv tal-qrati Taljani sal-31 ta' Jannar 2021, dispożizzjonijiet moqrija flimkien, sa fejn jiksru l-indipendenza tal-qorti tar-rinviju u l-prinċipju ta' smigħ xieraq kif ukoll id-drittijiet, li huma marbutin magħha, id-dinjità tal-persuni, il-libertà u s-sigurtà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u imparzjali, l-aċċess għall-provvisti tas-sigurtà soċjali, il-libertà ta' moviment u ta' residenza?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fis-27 ta' Mejju 2020 – OC vs Bundesrepublik Deutschland

(Kawża C-222/20)

(2020/C 279/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wiesbaden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: OC

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

Domandi preliminari

1) L-Artikoli 21 u 67(2) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni legali nazzjonali (f'dan il-każ l-Artikolu 2(3) tal-Gesetzes über die Verarbeitung von Fluggastdaten zur Umsetzung der Richtlinie 2016/681 (il-Liġi dwar l-Ipproċessar tad-Data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri li Tittrasponi d-Direttiva 2016/681), tas-6 ta' Ġunju 2017 (BGBl. I, p. 1484), kif emendata bl-Artikolu 2 tal-Gesetzes vom 6. Juni 2017 (il-Liġi tas-6 ta' Ġunju 2017) (BGBl, p. 1 484) (iktar 'il quddiem il-"FlugDaG")) li, b'applikazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali prevista fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva PNR"), tipprovdi li t-trasportaturi bl-ajru għandhom jittrasferixxu data komprensiva dwar il-passiġġieri kollha, mingħajr ebda eċċezzjoni, anki fir-rigward ta' titjiriet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, lill-unitajiet ċentrali responsabbli għad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri innominati mill-Istati Membri u dan f'sitwazzjoni fejn, bl-eċċezzjoni tar-riżervazzjoni tat-titjira, id-data tinħażen mingħajr ġustifikazzjoni u tintuża għal paragun ma' databases u mudelli, u mbagħad ikollha tinżamm?

2) Mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li dispożizzjoni legali nazzjonali (f'dan il-każ l-Artikolu 4(1) tal-FlugDaG) li tittrasponi l-punt 9 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva PNR, ikkunsidrat flimkien mal-Anness II tagħha, għandha telenka b'mod eżawrjenti u definittiv id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt kriminali nazzjonali li japplikaw għar-reati msemmija fid-Direttiva PNR?

3) L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni legali nazzjonali ta' Stat Membru (f'dan il-każ l-Artikolu 6(4) tal-FlugDaG) li tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn iwettqu kompiti marbuta mal-prosekuzzjoni ta' reati, jipproċessaw id-data PNR ikkomunikata anki għal għanijiet differenti mill-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, meta jkollhom intelligence, inkluża informazzjoni addizzjonali, li tiġġustifika suspett fir-rigward ta' reat speċifiku ieħor?

4) Il-klawżola diskrezzjonali prevista fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva PNR li tippermetti dispożizzjoni legali nazzjonali (f'dan il-każ l-Artikolu 2(3) tal-FlugDaG) li tipprovdi li d-Direttiva PNR għandha tiġi applikata anki għal titjiriet fi ħdan l-Unjoni, b'tali mod li d-data PNR tinġabar darbtejn fi ħdan l-Unjoni (sa fejn kemm il-pajjiż tat-tluq u kemm il-pajjiż tal-wasla jiġbru d-data PNR), hija kompatibbli, fid-dawl tal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

5) Fil-każ li d-Direttiva PNR ma tiksirx liġi ta' livell superjuri (ara d-digriet tal-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja) tat-13 ta' Mejju 2020 bir-referenza 6 K 805/19.WI) u hija għalhekk applikabbli:

   (a) L-Artikolu 7(4) u (5) tad-Direttiva PNR għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali ta' Stat Membru (f'dan il-każ l-Artikolu 6(4) tal-FlugDaG) li tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn iwettqu kompiti marbuta mal-prosekuzzjoni ta' reati, jipproċessaw id-data PNR ikkomunikata anki għal għanijiet differenti mill-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, meta jkollhom intelligence, inkluża informazzjoni addizzjonali, li tiġġustifika suspett fir-rigward ta' reat speċifiku ieħor (l-hekk imsejħa "qabda inċidentali")?

   (b) Hija kompatibbli mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva PNR prassi ta' Stat Membru li tinvolvi l-inklużjoni fil-lista ta' awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva PNR ta' awtorità (f'dan il-każ il-Bundesamt für Verfassungsschutz (l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni, il-Ġermanja)) li, skont id-dritt nazzjonali (f'dan il-każ l-Artikolu 5(1) flimkien mal-Artikolu 3(1) tal-Gesetzes über die Zusammenarbeit des Bundes und der Länder in Angelegenheiten des Verfassungsschutzes und das Bundesamt für Verfassungsschutz (il-Liġi dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Istat Federali u l-Länder fil-Qasam tal-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni u l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni)), ma għandhiex kompetenzi taż-żamma tal-ordni fid-dawl tar-rekwiżit tas-separazzjoni tal-poteri fuq livell nazzjonali?

---

(1) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sø- og Handelsretten (id-Danimarka) fid-29 ta' Mejju 2020 – Merck Sharp & Dohme BV, Merck Sharp & Dohme Corp., MSD DANMARK ApS, MSD Sharp & Dohme GmbH, Novartis AG, FERRING LÆGEMIDLER A/S u H. Lundbeck A/S vs Abacus Medicine A/S, Paranova Danmark A/S u 2CARE4 ApS

(Kawża C-224/20)

(2020/C 279/43)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Sø- og Handelsretten

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Merck Sharp & Dohme BV, Merck Sharp & Dohme Corp., MSD DANMARK ApS, MSD Sharp & Dohme GmbH, Novartis AG, FERRING LÆGEMIDLER A/S u H. Lundbeck A/S

Konvenuti: Abacus Medicine A/S, Paranova Danmark A/S u 2CARE4 ApS

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2015/2436/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) dwar it-trade marks u l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament 2017/1001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2) dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li proprjetarju ta' trade mark jista' jipprekludi l-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti ta' prodott mediċinali li importatur parallel ikun ippakkja mill-ġdid f'imballaġġ estern ġdid li fuqu twaħħlet it-trade mark mill-ġdid, fejn

(i) l-importatur ikun f'pożizzjoni li jwettaq imballaġġ li jista' jiġi kkummerċjalizzat u li jikseb aċċess effettiv għas-suq tal-Istat Membru ta' importazzoni billi jkisser l-imballaġġ estern oriġinali sabiex iwaħħal tikketti ġodda fl-imballaġġ intern u/jew jissostitwixxi l-fuljett ta' tagħrif u mbagħad jissiġilla mill-ġdid l-imballaġġ estern oriġinali b'apparat ġdid sabiex jivverifika jekk l-imballaġġ kienx imbagħbas, skont l-Artikolu 47a tad-Direttiva 2001/83/KEE ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar prodotti mediċinali (kif emendata bid-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4])) u l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 ([5]) dwar il-karatteristiki tas-sigurtà li jkunu jidhru fuq il-pakketti tal-prodotti mediċinali?

(ii) l-importatur ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq imballaġġ li jista' jiġi kkummerċjalizzat u li jikseb aċċess effettiv għas-suq tal-Istat Membru ta' importazzoni billi jkisser l-imballaġġ estern oriġinali sabiex iwaħħal tikketti ġodda fl-imballaġġ intern u/jew jissostitwixxi l-fuljett ta' tagħrif u mbagħad jissiġilla mill-ġdid l-imballaġġ estern oriġinali b'apparat ġdid sabiex jivverifika jekk l-imballaġġ kienx imbagħbas, skont l-Artikolu 47a tad-Direttiva 2001/83 (kif emendata bid-Direttiva 2011/62) u l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat 2016/161?

2) Id-Direttiva 2001/83 (kif emendata bid-Direttiva 2011/62), inkluż, b'mod partikolari, l-Artikolu 47a u l-punt (o) ta-l-Artikolu 54, għandha tiġi interpretata fis-sens li apparat ġdid sabiex jiġi vverifikat jekk l-imballaġġ kienx imbagħbas (apparat kontra t-tbagħbis), li jitwaħħal mal-imballaġġ oriġinali tal-prodotti mediċinali (flimkien ma' ttikkettar addizzjonali wara li l-imballaġġ jinfetaħ b'tali mod li l-apparat kontra t-tbagħbis oriġinali jkun parzjalment jew totalment kopert u/jew imneħħi), fis-sens tal-Artikolu 47a(1)(b), "*[huwa] ekwivalenti fir-rigward tal-possibbilità li tiġi verifikatia l-awtenticità, l-identifikazzjoni u li tiġi provduta evidenza ta' tbagħbis [mal]-prodott mediċinali*", u, fis-sens tal-Artikolu 47a(1)(b)(ii), "*[huwa effettiv] b'mod ugwali, f'li jippermett[i] l-verifika tal-awtenticita' u l-identifikazzjoni tal-prodotti mediċinali u fil-provvediment ta' evidenza ta' tbagħbis mal-prodotti mediċinali*", fejn l-imballaġġ tal-prodotti mediċinali (a) juri sinjali viżibbli li l-apparat kontra t-tbagħbis oriġinali ġie mbagħbas, jew (b) li dan it-tbagħbis jista' jiġi stabbilit billi jintmess il-prodott, inkluż

(i) permezz ta' verifika mandatorja tal-integrità tal-apparat kontra t-tbagħbis imwettqa minn manifatturi, bejjiegħa bl-ingrossa, spiżjara u persuni awtorizzati jew intitolati jipprovdu prodotti mediċinali lill-pubbliku (ara l-Artikolu 54a(2)(d) tad-Direttiva 2011/62, u l-Artikolu 10(b) u l-Artikoli 25 u 30 tar-Regolament Delegat 2016/161), jew

(ii) wara li jkun infetaħ l-imballaġġ tal-prodotti mediċinali, pereżempju minn pazjent?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2015/2436, l-Artikolu 15 tar-Regolament 2017/1001, u l-Artikoli 34 u 36 TFUE, għandhom għalhekk jiġu interpretati fis-sens li ppakkjar mill-ġdid f'imballaġġ estern ġdid huwa oġġettivament neċessarju għall-aċċess effettiv għas-suq tal-Istat Membru ta' importazzjoni, fejn ma jkunx possibbli għall-importatur parallel li jwaħħal ittikkettar addizzjonali u jissiġilla mill-ġdid l-imballaġġ oriġinali skont l-Artikolu 47a tad-Direttiva 2001/83 (kif emendata bid-Direttiva 2011/62), jiġifieri mingħajr ma l-imballaġġ tal-prodotti mediċinali (a) juri sinjali viżibbli li l-apparat kontra t-tbagħbis oriġinali ġie mbagħbas, jew (b) li dan it-tbagħbis jista' jiġi stabbilit billi jintmess il-prodott, kif deskritt fit-tieni domanda, b'mod li ma huwiex konformi mal-Artikolu 47a?

4) Id-Direttiva 2001/83 (kif emendata bid-Direttiva 2011/62) u r-Regolament Delegat 2016/161, flimkien mal-Artikoli 34 u 36 TFUE u l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2015/2436, għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru (fid-Danimarka: il-Lægemiddelstyrelsen (l-Aġenzija tal-Mediċini Daniża)) huwa intitolat jistabbilixxi linji gwida li skonthom għandu jitwettaq ippakkjar mill-ġdid f'imballaġġ estern ġdid u huwa biss fuq talba, f'każijiet eċċezzjonali (pereżempju fejn hemm riskju għall-provvista tal-prodott mediċinali), li jistgħu jiġu awtorizzati ttikkettar addizzjonali u siġill mill-ġdid billi jitwaħħlu elementi ta' sigurtà ġodda fuq l-imballaġġ estern oriġinali, jew l-iffissar u l-osservanza ta' tali linji gwida minn Stat Membru huma inkompatibbli mal-Artikoli 34 u 36 TFUE u/jew mal-Artikolu 47a tad-Direttiva 2001/83/KE u l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat 2016/161?

5) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2015/2436 u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament 2017/1001, flimkien mal-Artikoli 34 u 36 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ppakkjar mill-ġdid f'imballaġġ estern ġdid imwettaq minn importatur parallel skont il-linji gwida stabbiliti minn Stat Membru, kif sar riferiment fir-raba' domanda, għandu jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

(i) fejn tali linji gwida jkunu kompatibbli mal-Artikoli 34 u 36 TFUE u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar importazzjonijiet paralleli ta' prodotti mediċinali?

(ii) fejn tali linji gwida jkunu inkompatibbli mal-Artikoli 34 u 36 TFUE u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar importazzjonijiet paralleli ta' prodotti mediċinali?

6) L-Artikoli 34 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ppakkjar mill-ġdid ta' prodott mediċinali f'imballaġġ estern ġdid għandu jkun oġġettivament neċessarju għal aċċess effettiv għas-suq tal-Istat ta' importazzjoni, anki jekk l-importatur parallel ma jkunx waħħal mill-ġdid it-trade mark oriġinali (l-isem tal-prodott), iżda minflok jkun attribwixxa isem tal-prodott lill-imballaġġ estern ġdid li ma jinkludix it-trade mark tal-prodott tal-propretarju tat-trade mark ("de-branding")?

7) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2015/2436 u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament 2017/1001, għandhom jiġu interpretati fis-sens li proprjetarju ta' trade mark jista' jipprekludi l-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti ta' prodott mediċinali li importatur parallel ikun ippakkja mill-ġdid f'imballaġġ estern ġdid, sa fejn l-importatur parallel ikun sempliċement waħħal mill-ġdid it-trade mark tal-proprjetarju, li tkun speċifika għall-prodott, u ma jkunx waħħal mill-ġdid trade marks oħra u/jew sinjali kummerċjali oħra li l-propretarju tat-trade mark kien waħħal fuq l-imballaġġ estern oriġinali?

---

(1) Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 110, p. 5).

(2) Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

(3) Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

(4) Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati (ĠU 2011, L 174, p. 74, rettifika fil-ĠU 2018, L 29, p. 50).

(5) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 tat-2 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta lid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-karatteristiki tas-sigurtà li jkunu jidhru fuq il-pakketti tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU 2016 L 32, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja) fit-3 ta' Ġunju 2020 – NP vs Daimler AG

(Kawża C-232/20)

(2020/C 279/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesarbeitsgericht Berlin-Brandenburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: NP

Konvenuta: Daimler AG, Mercedes-Benz Werk Berlin

Domandi preliminari

1) L-assenjazzjoni ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija ma' impriża utenti għandha titqies li ma għadhiex "temporanja" fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/104 (1), meta l-impjieg ta' dan il-ħaddiem ikun għal pożizzjoni li hija permanenti, u ma jkunx imtela bħala sostituzzjoni?

2) L-assenjazzjoni ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija għal perijodu ta' inqas minn 55 xahar għandha titqies li ma għadhiex "temporanja" fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/104?

3) Fil-każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel jew għat-tieni domanda iktar 'il fuq, iqumu d-domandi addizzjonali li ġejjin:

3.1 Ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jista' jsostni li għandu bażi għal relazzjoni ta' xogħol mal-impriża utenti, ukoll meta d-dritt nazzjonali ma jipprevedix din is-sanzjoni qabel l-1 ta' April 2017?

3.2 Regola nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 19(2) tal-Arbeitnehmerüberlassungsgesetz (il-Liġi dwar l-Assenjazzjoni ta' Ħaddiema Temporanji) tikser l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/104 sa fejn tipprevedi, għall-ewwel darba, perijodu massimu individwali ta' assenjazzjoni ta' 18-il xahar, iżda teskludi speċifikament it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi mgħoddija, jekk it-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi mgħoddija jkollu bħala konsegwenza li l-assenjazzjoni ma tkunx tista' tibqa' tiġi kklassifikata bħala "temporanja?

3.3 L-estensjoni tal-perijodu massimu individwali ta' assenjazzjoni tista' titħalla f'idejn l-imsieħba soċjali? Fil-każ ta' risposta affermattiva: dan japplika wkoll għal imsieħba soċjali li għandhom kompetenza mhux fir-rigward tar-relazzjoni ta' xogħol tal-ħaddiem temporanju kkonċernat, iżda fir-rigward tas-settur tal-impriża utenti?

(1) Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU 2008, L 327, p. 9).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fid-9 ta' Ġunju 2020 – Skatteverket vs Skellefteå Industrihus Aktiebolag

(Kawża C-248/20)

(2020/C 279/45)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Skatteverket

Konvenuta: Skellefteå Industrihus Aktiebolag

Domanda preliminari

Huwa kompatibbli mad-Direttiva 2006/112/KE (1), b'mod partikolari mal-Artikoli 137, 168, 184 sa 187, 189 u 192 tagħha, il-fatt li proprjetarju ta' proprjetà immobbli, li bbenefika mis-sistema ta' tassazzjoni fakultattiva matul il-kostruzzjoni ta' binja u li naqqas it-taxxa tal-input li kienet imposta fuq xiri intiż għal dan il-proġett ta' bini, jintalab ir-rimbors immedjat tal-ammont sħiħ ta' din it-taxxa tal-input, flimkien mal-interessi, minħabba li l-obbligu ta' tassazzjoni ntemm bl-interruzzjoni ta' dan il-proġett, qabel it-tlestija tal-kostruzzjoni tal-binja u għalhekk qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kirja?

(1) Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Ġunju 2020 – CY vs Eurowings GmbH

(Kawża C-252/20)

(2020/C 279/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: CY

Konvenuta: Eurowings GmbH

Domandi preliminari

1) Dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ([1]) jista' jeżisti wkoll meta passiġġier jitlef titjira ta' konnessjoni diretta minħabba dewmien relattivament minuri fil-wasla, li jirriżulta f'dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali ta' tliet sigħat jew iktar, meta ż-żewġ titjiriet ikunu operati minn trasportaturi tal-ajru differenti u l-prenotazzjoni ma tkunx saret mat-trasportatur tal-ajru li opera t-titjira fl-ewwel parti tal-vjaġġ u li kontrih saret talba fil-kawża prinċipali?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv:

   It-trasportatur tal-ajru li effettivament opera t-titjira li kellha dewmien fl-ewwel parti tal-vjaġġ huwa t-"trasportatur ta' l-ajru li jopera" fis-sens tal-Artikolu 5(1)(ċ) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, jew it-"trasportatur ta' l-ajru li jopera" fis-sens tal-Artikolu 5(1)(ċ) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 huwa t-trasportatur tal-ajru li opera t-titjira li kienet puntwali fit-tieni parti tal-vjaġġ, li miegħu tkun saret il-prenotazzjoni għaż-żewġ titjiriet?

3) Jekk iż-żewġ trasportaturi għandhom jitqiesu bħala t-"trasportatur ta' l-ajru li jopera" fis-sens tal-Artikolu 5(1)(ċ) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004:

   Il-passiġġier ikollu għalhekk l-għażla kontra liema miż-żewġ trasportaturi jista' jitlob kumpens?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale del Lazio (l-Italja) fl-10 ta' Ġunju 2020 – Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Gaeta vs Punto Nautica Srl

(Kawża C-255/20)

(2020/C 279/47)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Regionale del Lazio

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Gaeta

Konvenuta: Punto Nautica Srl

Domanda preliminari

Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-82/12, u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jopponu l-leġislazzjoni Taljana fis-seħħ, f'dan il-każ l-Artikoli 17 tad-decreto legislativo 21 dicembre 1990, n. 39 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 398, tal-21 ta' Diċembru 1990), u l-Artikolu 3(1) tal-legge Regione Lazio (…) n. 19 del 2011 (il-Liġi tar-Reġjun ta' Lazio (…) Nru 19 tal-2011), li tidher li tintroduċi taxxa reġjonali fuq il-petrol għal vetturi bil-mutur li ma għandhomx l-"għanijiet speċifiċi" rikjesti mid-direttiva Komunitarja inkwistjoni?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 39).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fid-9 ta' Ġunju 2020 – "Viva Telecom Bulgaria" EOOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofija

(Kawża C-257/20)

(2020/C 279/48)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven administrativen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: "Viva Telecom Bulgaria" EOOD

Konvenut: Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofija

Domandi preliminari

1) Il-prinċipju ta' proporzjonalità fis-sens tal-Artikolu 5(4) u tal-Artikolu 12(b) tat-Trattat UE u d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippermettu dispożizzjoni legali nazzjonali bħalma huwa l-punt 3 tal-Artikolu 16(2) taż-Zakon za korporativnoto podohodno oblagane (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-Kumpanniji, iktar 'il quddiem iż-"ZKPO")?

2) Pagamenti ta' interessi fis-sens tal-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva 2003/49/KE ([1]) jikkostitwixxu distribuzzjoni ta' profitti li għaliha japplika l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/96/KE ([2])?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1)(b), tal-Artikolu 1(3) u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/96 japplikaw għall-pagament ta' self mingħajr interessi konkluż għal perijodu ta' 60 sena li jaqa' taħt l-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva 2003/49?

4) L-Artikolu 49 u l-Artikolu 63(1) u (2) tat-Trattat FUE, l-Artikolu 1(1)(b), l-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/96 kif ukoll l-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva 2003/49 jippermettu dispożizzjoni nazzjonali legali bħalma huma l-Artikolu 195(1) u l-Artikolu 200(2) taż-ZKPO, kif ukoll l-Artikolu 200a(1) u l-punt 4 tal-Artikolu 200a (5) taż-ZKPO (imħassar) fil-verżjoni applikabbli bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-1 ta' Jannar 2015, u l-Artikolu 195(1), il-punt 3 tal-Artikolu 195(6) u l-punt 4 tal-Artikolu 1(11) taż-ZKPO fil-verżjoni applikabbli wara l-1 ta' Jannar 2015 u prassi nazzjonali fil-qasam fiskali li jwasslu għal taxxa f'ras il-ġhan fuq l-interessi mhux imħallsa fir-rigward ta' self mingħajr interessi mogħti minn kumpannija omm fi Stat Membru ieħor lil kumpannija lokali għal perijodu ta' 60 sena wara t-22 ta' Novembru 2013?

5) L-Artikolu 3(1)(h) sa (j), l-Artikolu 5(1)(a) u (b), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/7 ([3]) jippermettu dispożizzjoni legali nazzjonali bħalma huma l-Artikolu 16(1), il-punt 3 tal-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 195(1) taż-ZKPO li jissuġġettaw għal taxxa f'ras il-ġhajn dħul fittizju minn interessi, iddeterminat fir-rigward ta' self mingħajr interessi, mogħti lil kumpannija lokali minn kumpannija ta' Stat Membru ieħor li tkun l-unika proprjetarja tal-kapital tal-kumpannija li tissellef?

6) It-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/49 b'effett mill-2011, qabel l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju previst fil-punt 3 tat-Taqsima "Tassazzjoni" tal-Anness VI tal-Protokoll dwar il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropa, fl-Artikolu 200(2), fl-Artikolu 200a(1) u fil-punt 4 tal-Artikolu 200a(1)(5) taż-ZKPO, b'rata ta' taxxa fissa ta' 10 %, minflok ir-rata massima ta' 5 % prevista fl-imsemmi Protokoll, tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 380).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2011/96/KE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal- kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU 2011, L 345, p. 8).

([3]) Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU 2008, L 46, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Bulgarija) fil-15 ta' Ġunju 2020 – VB vs Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti

(Kawża C-262/20)

(2020/C 279/49)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Rayonen sad Lukovit

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VB

Konvenut: Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" kam Ministerstvo na vatreshnite raboti

Domandi preliminari

1) Il-protezzjoni effettiva taħt l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2003/88/KE [1] tirrikjedi li t-tul normali tax-xogħol ta' bil-lejl għall-pulizija u għall-persunal tat-tifi tan-nar ikun iqsar mit-tul normali tax-xogħol matul il-ġurnata?

2) Il-prinċipju ta' ugwaljanza, irrikonoxxut fl-Artikoli 20 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li t-tul normali tax-xogħol ta' bil-lejl ta' seba' sigħat ta' xogħol għall-ħaddiema fis-settur privat, kif iffissat fid-dritt nazzjonali, għandu japplika wkoll għall-ħaddiema fis-settur pubbliku, inkluż għall-pulizija u għall-persunal tat-tifi tan-nar?

3) Sabiex jintlaħaq b'mod effettiv l-għan iddikjarat fil-premessa 8 tal-preambolu tad-Direttiva 2003/88, jiġifieri li jiġi llimitat it-tul tax-xogħol ta' bil-lejl, huwa meħtieġ li d-dispożizzjoni nazzjonali legali tispeċifika t-tul normali tax-xogħol ta' bil-lejl, inkluż għall-membri tal-persunal fis-settur pubbliku?

[1] Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fil-15 ta' Ġunju 2020 – Airhelp Limited vs Laudamotion GmbH

(Kawża C-263/20)

(2020/C 279/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Korneuburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Airhelp Limited

Konvenuta: Laudamotion GmbH

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li passiġġier ikollu dritt għal kumpens meta l-ħin tat-tluq jiġi anticipat mill-ħin oriġinali tat-14.40 għat-8.25 fl-istess jum?

2) L-Artikolu 5(1)(ċ)(i) sa (iii) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-punt dwar jekk il-passiġġier huwiex informat bil-kanċellazzjoni għandu jiġi evalwat esklużivament fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni u fis-sens li huwa jipprekludi l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali dwar in-notifika tal-komunikazzjonijiet adottat għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE [2] u li jinkludi finzjoni ta' notifika?

3) L-Artikolu 5(1)(ċ)(i) sa (iii) tar-Regolament Nru 261/2004 u l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku għandhom jiġu interpretati fis-sens li fil-każ ta' reżervazzjoni tat-titjira mill-passiġġier permezz ta' pjattaforma ta' reżervazzjoni, fejn il-passiġġier ikun ikkomunika n-numru tat-telefon tiegħu u l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, iżda l-pjattaforma ta' reżervazzjoni tkun ittrażmettiet lit-trasportatur tal-ajru n-numru tat-telefon u indirizz ta' posta elettronika ġġenerat awtomatikament mill-pjattaforma ta' reżervazzjoni, in-notifika tal-informazzjoni dwar l-antiċipazzjoni tat-tluq tat-titjira fuq l-indirizz ta' posta elettronika ġġenerat awtomatikament għandha titqies bħala komunikazzjoni jew notifika tal-informazzjoni dwar l-antiċipazzjoni [tat-tluq] anki meta l-pjattaforma ta' reżervazzjoni ma tittrażmettix lill-passiġġier, jew tittrażmettilu b'dewmien, l-informazzjoni tat-trasportatur tal-ajru?

(1) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza ghal passiġġieri fil-każ li ma jithallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

(2) Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

Talba ghal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fit-18 ta' Ġunju 2020 – AG *et* vs Austrian Airlines AG

(Kawża C-270/20)

(2020/C 279/51)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Korneuburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AG, MG, HG, kollha minuri u rappreżentati legalment

Konvenuta: Austrian Airlines AG

Domanda preliminari

L-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 [1] ghandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasportatur tal-ajru jista' wkoll inaqqas l-ammont tal-kumpens previst fl-Artikolu 7(1)(b) ta' dan ir-regolament meta, wara l-kanċellazzjoni tat-titjira rriżervata, tiġi offruta lill-passiġġieri titjira alternattiva li l-ħin tat-tluq skedat u l-ħin tal-wasla skedat tagħha huma previsti 11-il siegħa u 55 minuta qabel il-ħinijiet tat-titjira kkanċellata?

(1) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza ghal passiġġieri fil-każ li ma jithallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-275/20)

(2020/C 279/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. Afonso, D. Schaffrin, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/470 ([1]) tal-25 ta' Marzu 2020 dwar l-estensjoni tal-perjodu tad-dritt għal koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Kummissjoni jikkonċerna t-tiġdid għal tliet snin ta' dritt mogħti lill-koproduzzjonijiet awdjoviżivi ta' produtturi mill-Unjoni Ewropea u mill-Korea li jibbenefikaw mis-skemi rispettivi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali regjonali jew lokali skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea.

Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tinvoka motiv wieħed.

Il-Kummissjoni tqis li, billi bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 3(1) tad- Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 ([2]) tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, u mhux fuq l-Artikolu 218(6) TFUE, kif ippropponiet il-Kummissjoni, il-Kunsill ibbaża ruħu fuq bażi legali sekondarja, mhux prevista mit-Trattat FUE. Għaldaqstant, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi previst fl-Artikolu 13(2) TUE u il-prinċpju ta' ekwilibriju istituzzjonali kif żviluppat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/470 tal-25 ta' Marzu 2020 dwar l-estensjoni tal-perjodu tad-dritt għal koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU 2020, L 101, p. 1).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2169 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU 2015, L 307, p. 2).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-30 ta' Ġunju 2020 – EL u CP vs Ryanair Designated Activity Company

(Kawża C-287/20)

(2020/C 279/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: EL, CP

Konvenuta: Ryanair Designated Activity Company

Domandi preliminari

Strajk organizzat minn sindakat tal-persunal ta' trasportatur tal-ajru li jopera jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ([1])?

F'dan ir-rigward, huwa rilevanti l-fatt li seħħew trattattivi mar-rappreżentanti tal-interessi tal-ħaddiema fid-dawl tal-istrajk?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

IL-QORTI ĠENERALI

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2020 – ACMO *et* vs BUR

(Kawża T-330/20)

(2020/C 279/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ACMO Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) u 69 rikorrent ieħor (rappreżentanti: T. Soames, N. Chesaites, lawyers u R. East, Solicitor)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2020/52 tas-17 ta' Marzu 2020 li tiddetermina jekk għandux jingħata kumpens lill-azzjonisti u lill-krediturі li fir-rigward tagħhom ġew milquta l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li jikkonċernaw lil Banco Popular Español SA ("id-deċiżjoni kkontestata"); u/jew

— tannulla l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata; u/jew

— tannulla l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata; u/jew

— fl-alternattiv, tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata, u b'mod partikolari d-determinazzjoni li ma huwa dovut l-ebda kumpens, skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament (UE) 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (Artikolu 2), lil krediturі (inklużi r-rikorrenti), hija vvizzjata bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi, u għalhekk tikser id-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jargumentaw li l-BUR wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi meta adotta d-deċiżjoni kkontestata abbażi ta' rapport ta' valutazzjoni ("Rapport ta' Valutazzjoni 3") u "Kjarifika" tiegħu annessa mad-deċiżjoni kkontestata, miktuba minn Deloitte Réviseurs d'Entreprises ("Deloitte") li ddeterminat li r-rikorrenti ma kienu jagħmlu l-ebda rkupri li kieku Banco Popular kien daħal fi proċedura ta' insolvenza normali fi Spanja.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-BUR li jappunta lil Deloitte sabiex iwettaq il-Valutazzjoni 3 kienet ivvizzjata bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u/jew żbalji ta' liġi, sa fejn Deloitte ma ssodisfatx il-kriterju fundamentali ta' indipendenza taħt l-Artikolu 20(16) tar-Regolament (UE) 806/2014.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BUR indebitament iddelega s-setgħat tiegħu ta' teħid ta' deċiżjonijiet taħt ir-Regolament (UE) 806/2014 lil Deloitte bi ksur tal-prinċipju stabbilit bil-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea fil-kawża fundamentali 9/56, Meroni. ([2])

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014 L 225, p. 1).

([2]) Sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs High Authority, 9/56, EU:C:1958:7.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 – KI vs eu-LISA

(Kawża T-338/20)

(2020/C 279/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: KI (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2019 biex ir-rikorrent jiġi assenjat mill-ġdid għal pożizzjoni oħra;

— sa fejn huwa meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2020 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

— tordna l-kumpens għad-dannu morali tiegħu stmat f'EUR 10 000; u,

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni tal-illegalità tad-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-25 ta' Ġunju 2019, ikkonfermata u kkomplementata bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tad-29 ta' Awwissu 2019, sa fejn din tikser ir-rekwiżiti ta' paragun ġust u trasparenti tal-merti, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, l-Artikolu 41 tal-Karta u l-interess tas-servizz.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid manifestament tikser l-interessi tas-servizz u l-prinċipju ta' assenjazzjoni għal post ekwivalenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni tad-dritt għal smigħ, tad-dmir ta' motivazzjoni u tal-Artikolu 41 tal-Karta.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni tad-dmir ta' premura u tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, l-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal u d-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 – Net Technologies Finland vs REA

(Kawża T-358/20)

(2020/C 279/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Net Technologies Finland Oy (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentanti: S. Pappas u N. Kyriazopoulou, lawyers)

Konvenuta: Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li (i) l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt il-Ftehim ta' Għajnuna FP7-SEC-2012-312484, konkluż fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni, (ii) it-talba magħmula fin-noti ta' debitu Nru 3242005872 dwar ir-rimbors tal-ammont ta' EUR 171 342.97 għal kontribuzzjoni mhux ġustifikata u Nru 3242005825 dwar ir-rimbors tal-ammont ta' EUR 17 134.30 bħala kumpens f'somma f'daqqa, hija infondata, u (iii) l-ispejjeż korrispondenti għall-konsulenti interni huma eliġibbli; u,

— tikkundanna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tar-rikorrenti għal dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka dawn il-motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li r-REA interpretat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet rigward l-ispejjeż eliġibbli u naqset milli tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha, billi ħarġet in-noti ta' debitu inkwistjoni, abbażi tal-fatt li l-ispejjeż għal konsulenti interni jissoddisfaw il-kriterji ta' eleġibbiltà, stabbiliti fil-Ftehim ta' Għajnuna u għalhekk ma jistgħux jagħtu lok għal talba għal rimbors.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li r-REA naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha fil-kuntratt *in bona fide*.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li r-REA kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2020 – KN vs KESE

(Kawża T-377/20)

(2020/C 279/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: KN (rappreżentanti: M. Casado García-Hirschfeld u M. Aboudi, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara din ir-rikors ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tad-9 ta' Ġunju 2020 innotifikata fis-17 ta' Ġunju 2020;

— tordna kumpens għad-dannu morali li jammonta għal EUR 200 000 u l-kumpens għad-dannu materjali stmat għas-somma ta' EUR 50 000 euro;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal smigħ, kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tal-prinċipju ta' imparzjalità.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, skont il-massima "nulla poena sine lege" u l-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità ta' proċeduri dixxiplinari u ta' informazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll fuq il-ksur apparenti tal-garanziji mogħtija mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2020 – OC (*) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-384/20)

(2020/C 279/58)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: OC (*) (rappreżentant: B. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti s-somma totali ta' miljun u mitt elf euro (EUR 1 100 000) bħala kumpens għad-dannu morali li hija sostniet sal-ġurnata tal-lum u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob, abbażi tal-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, il-kumpens għad-dannu li hija sostniet minħabba l-azzjonijiet u l-omissjonijiet illegali tal-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF), wara l-pubblikazzjoni minn dan tal-aħħar tal-istqarrija għall-istampa Nru 13/2020 li kixfet b'mod illegali data personali u informazzjoni falza dwar ir-rikorrenti.

2. Skont ir-rikorrenti, l-OLAF a) billi ppubblika (fi stqarrija għall-istampa indirizzata lill-pubbliku) data personali tar-rikorrenti u b) billi xerred informazzjoni żbaljata u mhux veritiera fl-imsemmija stqarrija għall-istampa, kiser b'mod flagranti dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet lill-individwi,.

3. B'mod partikolari, permezz tal-aġir tiegħu, l-OLAF kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(a) u (b), tal-Artikoli 5, 6 u 15(3) tar-Regolament 2018/1725 ([1]), id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(5) u tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament 883/2013 ([2]) kif ukoll il-preżunzjoni ta' innoċenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

([1]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

([2]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1).

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – KO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-389/20)

(2020/C 279/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: KO (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha l-PMO ddeċieda li ma jagħtix lir-rikorrent il-benefiċċju tal-allowance tal-espatrijazzjoni, u tannulla, skont il-każ, id-deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha l-konvenuta ċaħdet l-ilment imressaq mir-rikorrent taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 4(1) u (2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2020 – Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-390/20)

(2020/C 279/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Scandlines Danmark ApS (Kopenħagen, id-Danimarka), Scandlines Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Sandberg-Mørch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.39078 – 2019/C (ex 2014/N) li d-Danimarka implimentat fir-rigward ta' Femern A/S għall-ippjanar u għall-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ta' Fehmarn bejn id-Danimarka u l-Ġermanja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 1(d) u (e) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([1]), billi kklassifikat il-garanziji mill-Istat u s-self mill-Istat kollha mogħtija skont l-Att dwar il-Kostruzzjoni bħala għajnuna *ad hoc* waħda, u billi kklassifikat injezzjoni ta' kapital u l-garanziji mill-Istat u s-self mill-Istat kollha mogħtija skont l-Att dwar l-Ippjanar bħala għajnuna *ad hoc* waħda oħra, filwaqt li kull self mill-Istat u kull garanzija mill-Istat għandhom jikkostitwixxu miżura ta' għajnuna *ad hoc* separata nnotifikata individwalment lill-Kummissjoni meta l-istipulazzjonijiet ta' kull self mill-Istat u ta' kull garanzija mill-Istat ikunu miftiehma bejn Femern A/S u l-awtoritajiet Daniżi.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(3)(b) TFUE u l-Komunikazzjoni dwar l-IPCEI ([2]), billi wettqet żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni billi qieset li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern. Dan il-motiv huwa maqsum f'erba' partijiet:

   — l-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball billi qieset li l-Konnessjoni Fissa hija fl-interess Ewropew;

   — it-tieni nett, il-Kummissjoni wettqet żball billi qieset li l-għajnuna hija neċessarja, peress li l-għajnuna ma għandha l-ebda effett ta' inċentiv u ma tissodisfax ir-rekwiżiti għall-ipoteżi kontrofattwali u għall-eżistenza ta' proġetti alternattivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar l-IPCEI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet żball fid-deċiżjoni kkontestata billi bbażat ruħha fuq IRR li kien baxx b'mod żbaljat, peress li hija kkalkolatu abbażi tat-tul ta' ħajja qasir ħafna tal-proġett ta' 40 sena, li ma jikkorrispondix mat-tul ta' ħajja reali tal-infrastruttura, jiġifieri l-perijodu li matulu Femern A/S ser ikun jista' jisfrutta ekonomikament il-Konnessjoni Fissa;

   — it-tielet nett, il-Kummissjoni wettqet żball billi qieset li l-għajnuna hija proporzjonata, peress li l-għajnuna ma għandhiex limitu ta' żmien. Il-Kummissjoni wettqet ukoll numru ta' żbalji manifesti fl-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament. Il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbajlat fuq it-tul ta' ħajja qasir ħafna tal-proġett imsemmi iktar 'il fuq, li rriżulta f'proporzjoni ogħla ta' spejjeż meta mqabbel mad-dħul mill-operat tal-Konnessjoni Fissa; il-Kummissjoni ssottovalutat id-dħul ipproġettat ta' Femern A/S u ssopravalutat l-ispejjeż ipproġettati billi inkludiet, b'mod partikolari, spejjeż għall-operat fil-kalkolu tad-diskrepanza fil-finanzjament. Finalment, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-element ta' għajnuna jikkonsisti mir-rata ta' interess imħallsa minn Femern A/S lill-Istat Daniż, filwaqt li, minħabba l-fatt li l-ebda operatur privat ma kien lest li jinvesti fil-proġett mingħajr għajnuna mill-Istat sinjifikattiva, l-element ta' għajnuna jikkonsisti mill-ammont sħiħ tas-self mill-Istat u mill-ammonti tas-self koperti mill-garanziji mill-Istat;

   — ir-raba' nett, il-Kummissjoni wettqet żball billi kkonkludiet li l-għajnuna ma tikkawżax distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni, peress li l-għajnuna twassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti għal Femern A/S fis-suq rilevanti, toħloq kapaċità żejda, u tippermetti lil Femern A/S tuża prezzijiet li huma inqas mill-ispejjeż. Finalment, il-Kummissjoni injorat il-fatt li l-għajnuna hija użata għat-tnaqqis fil-grad ta' aċċess għall-port tar-rikorrenti fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi li dawn l-effetti negattivi huma ikbar minn kwalunkwe effetti pożittivi maħluqa mill-għajnuna.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

([2]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU 2014, C 188, p. 4).

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2020 – Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-391/20)

(2020/C 279/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Stena Line Scandinavia AB (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentant: L. Sandberg-Mørch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat S.A.39078 – 2019/C (ex 2014/N) implimentata mid-Danimarka favur Femern A/S;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE u tal-Artikolu 1(d) u (e) tar-Regolament (UE) 2015/1589 tal-Kunsill ([1]) billi kklassifikat i) il-garanziji Statali kollha u s-self mill-Istat kollu mogħti abbażi tal-Liġi dwar il-Kostruzzjoni bħala għajnuna unika u *ad hoc* u ii) injezzjoni ta' kapital u l-garanziji Statali kollha u s-self mill-Istat kollu mogħti abbażi tal-Liġi dwar il-Pjanifikazzjoni bħala għajnuna oħra unika *ad hoc*, meta kull self mill-Istat u kull garanzija Statali għandha tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna *ad hoc* separata nnotifikata individwalment lill-Kummissjoni mill-mument meta l-kundizzjonijiet ta' kull self mill-Istat u ta' kull garanzija Statali jkunu ġew miftiehma bejn Femern A/S u l-awtoritajiet Daniżi.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE u tal-Komunikazzjoni PIIEK ([2]) billi wettqet żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern. Dan il-motiv huwa magħmul minn erba' partijiet:

— fl-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonstatat li l-Konnessjoni Fissa hija ta' interess Ewropew;

— fit-tieni parti, hija ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonstatat li l-għajnuna hija neċessarja, peress li l-għajnuna ma għandha ebda effett ta' inċentiv u ma tissodisfax il-kundizzjonijiet relatati mal-ipoteżi ta' kontrafazzjoni u mal-eżistenza ta' proġett alternattiv stabbiliti fil-Komunikazzjoni PIIEK. Il-Kummissjoni wettqet ukoll żball fid-deċiżjoni kkontestata meta b'mod żbaljat ibbażat ruħha fuq IRR wisq baxx, għaliex dan ġie ddeterminat abbażi ta' tul ta' ħajja estremament qasir tal-proġett, ta' 40 sena, li ma jikkorrispondix għat-tul ta' ħajja reali tal-infrastruttura, jiġifieri il-perijodu li matulu Femern A/S tista' tisfrutta ekonomikament il-Konnessjoni Fissa;

— fit-tielet parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonstatat li l-għajnuna kienet proporzjonata, għaliex ma hijiex limitata *ratione temporis*. Il-Kummissjoni wettqet ukoll diversi żbalji manifesti fl-analiżi tagħha dwar in-nuqqas ta' finanzjament. Il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq it-tul ta' ħajja qasir ħafna tal-proġett imsemmi iktar 'il fuq, li rriżulta fi proporzjon iktar għoli tal-ispejjeż meta mqabbel mad-dħul mill-operat tal-Konnessjoni Fissa; il-Kummissjoni stmat fin-nieqes id-dħul ta' Femern A/S stmat ħafna iktar l-ispejjeż previsti billi inkludiet b'mod partikolari l-ispejjeż ta' operat fil-kalkolu tagħha tan-nuqqas ta' finanzjament. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-element ta' għajnuna kien magħmul mir-rata ta' interessi mħallsa minn Femern A/S lill-Istat Daniż meta, peress li ebda operatur privat ma kien dispost li jinvesti fil-proġett mingħajr għajnuna mill-Istat sinjifikattiva, l-element ta' għajnuna huwa magħmul mit-totalità tal-ammont tas-self mill-Istat u l-ammonti ta' self li jibbenefika minn garanziji Statali;

— fir-raba' parti, huwa sostnut li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonkludiet li l-għajnuna ma tgħawwiġx b'mod indebitu l-kompetizzjoni, peress li l-għajnuna twassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti għal Femern A/S fuq is-suq relevanti, toħloq kapaċità ikbar u tippermetti lil Femern A/S li tipprattika prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż. Il-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi li dawn l-effetti negattivi huma ikbar mill-effetti pożittivi kollha maħluqa mill-għajnuna.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015 L 248, p. 9).

([2]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU 2014 C 188, p. 4).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2020 – Front Polisario vs Il-Kunsill

(Kawża T-393/20)

(2020/C 279/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Front populaire pour la libération de la Saguia el Hamra et du Rio de Oro (Front Polisario) (rappreżentant: G. Devers, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors tiegħu ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu kontra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/462 tal-20 ta' Frar 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġi evalwat l-impatt tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda dak il-Ftehim (ĠU 2020, L 99, p. 13), ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali tal-imsemmija deċiżjoni minħabba l-illegalità tad-Deċiżjoni 2019/217. Dan il-motiv huwa maqsum f'għaxar partijiet.

1. L-ewwel parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk ma għandhomx il-kompetenza sabiex jikkonkludu ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent, minflok il-poplu tas-Saħara, irrappreżentat mill-Front Polisario.

2. It-tieni parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' eżami tal-kwistjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tad-dritt uminatarju internazzjonali sa fejn il-Kunsill ma eżaminax din il-kwistjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

3. It-tielet parti, ibbażata fuq il-ksur mill-Kunsill tal-obbligu tiegħu ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tinjora l-motivi tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118).

4. Ir-raba' parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipji u tal-valuri li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali, peress li:

   — l-ewwel nett, bi ksur tad-dritt tal-popli għar-rispett tal-unità nazzjonali tagħhom, id-Deċiżjoni 2019/217 tiċħad l-eżistenza tal-poplu tas-Saħara billi tissostitwixxi għalih il-kliem "popolazzjonijiet ikkonċernati";

   — it-tieni nett, bi ksur tad-dritt tal-popli li jiddisponu liberament mir-riżorsi naturali tagħhom id-Deċiżjoni 2019/217 tikkonkludi ftehim internazzjonali li jorganizza, mingħajr il-kunsens tal-poplu tas-Saħara, l-isfruttament tar-riżorsi tiegħu;

   — it-tielet nett, id-Deċiżjoni 2019/217 tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent okkupata, mar-Renju tal-Marokk, fil-kuntest tal-politika annessjonista tiegħu fir-rigward tat-territorju, u ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali li ż-żamma ta' din il-politika teżiġi.

5. Il-ħames parti, ibbażata fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata hija kuntrarja għad-dikjarazzjonijiet tal-Unjoni li, b'mod ripetut, dejjem sostniet in-neċessità li jiġu osservati l-prinċipji ta' awtodeterminazzjoni u tal-effett relattiv tat-Trattati.

6. Is-sitt parti, ibbażata fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li, fid-dawl tal-istatus separat u distint tas-Saħara tal-Punent, tan-natura mhux tanġibbli tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni u tal-kwalità ta' suġġett terz tal-poplu tas-Saħara, il-Kunsill ma kellux jistabbilixxi rapport ta' proporzjonalità bejn allegati vantaġġi għall-ekonomija ta' dan it-territorju li jirriżultaw mill-għoti ta' preferenzi li jegħlbu l-iżvantaġġi, bħall-użu estensiv tar-riżorsi naturali u b'mod partikolari reżervi ta' ilma taħt l-art.

7. Is-seba' parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni, peress li:

— l-ewwel nett, bl-użu tal-kliem "popolazzjonijiet ikkonċernati", id-Deċiżjoni 2019/217 u l-ftehim konkluż permezz tagħha jċaħħdu l-unità nazzjonali tal-poplu tas-Saħara bħala suġġett tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni;

— it-tieni nett, filwaqt li l-ftehim emendatorju, konkluż permezz tagħha, jorganizza l-esportazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha lejn l-Unjoni, li jkunu ddefiniti li huma ta' oriġini Marokkina, id-Deċiżjoni 2019/217 tiċħad, fil-prinċipju tagħha stess, id-drittijiet sovrani tal-poplu tas-Saħara fuq ir-riżorsi naturali tiegħu u ċċaħdu mill-mezzi tal-għajxien tiegħu;

— it-tielet nett, fir-rigward tal-komponent territorjali tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni, minn naħa, bil-konklużjoni, mar-Renju tal-Marokk, ta' ftehim internazzjonali applikabbli għall-parti tas-Saħara tal-Punent li tinsab taħt okkupazzjoni Marokkina, id-Deċiżjoni 2019/217 tippreġudika d-dritt tal-poplu tas-Saħara għar-rispett tal-integrità territorjali tat-territorju nazzjonali tiegħu, peress li hija tiċħad l-istatus separat u distint tal-imsemmi territorju u tapprova l-qsim illegali tiegħu bil-"Ħajt" Marokkin. Min-naħa l-oħra, peress li jiddefinixxi prodotti li ġejjin mis-Saħara tal-Punent bħala li joriġinaw mill-Marokk, il-ftehim konkluż bid-Deċiżjoni 2019/217 jikkostitwixxi ksur tal-istatus separat u distint tas-Saħara tal-Punent, peress li għandu l-effett li jaħbi r-reali pajjiż ta' oriġini ta' dawn il-prodotti.

8. It-tmien parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju tal-effett relattiv tat-Trattati, peress li, bl-użu tal-kliem "popolazzjonijiet ikkonċernati", id-Deċiżjoni 2019/217 u l-ftehim konkluż permezz tagħha jċaħħdu l-eżistenza tal-poplu tas-Saħara, irrappreżentat mill-Front Polisario, bħala suġġett terz fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Marokk u timponi fuqu obbligi internazzjonali fir-rigward tat-territorju tiegħu u tar-riżorsi naturali tiegħu, mingħajr il-kunsens tiegħu.

9. Id-disa' parti, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt kriminali internazzjonali, peress li:

— l-ewwel nett, id-Deċiżjoni 2019/217 tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent filwaqt li l-forzi Marokkini ta' okkupazzjoni ma għandhomx il-*ius tractatus* fir-rigward ta' dan it-territorju u huma pprojbiti milli jisfruttaw ir-riżorsi naturali;

— it-tieni nett, bl-użu tal-kliem "popolazzjonijiet ikkonċernati", li għandu l-effett li jinkludi l-abitanti Marokkini bbażati fit-territorju okkupat tas-Saħara, id-Deċiżjoni 2019/217 u l-ftehim konkluż permezz tagħha jappoġġjaw u japprovaw it-trasferiment ta' popolazzjonijiet imwettaq mir-Renju tal-Marokk bi ksur gravi tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 49 tar-Raba' Konvenjoni ta' Genève u tal-Artikolu 8(2)(b)(viii) tal-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

— it-tielet nett, bl-għoti ta' preferenzi tariffarji għall-prodotti "Marokkini" li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent, id-Deċiżjoni 2019/217 toħloq inċentiv għall-abitanti Marokkini sabiex jistabbilixxu ruħhom b'mod permanenti fit-territorju okkupat sabiex jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji li nħolqu mill-ftehim emendatorju, bi ksur gravi tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

10. L-għaxar parti, ibbażata fuq il-ksur tal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt tar-responsabbiltà internazzjonali, sa fejn, bil-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, mar-Renju tal-Marokk, applikabbli għas-Saħara tal-Punent, id-Deċiżjoni 2019/217 tapprova l-ksur gravi tad-dritt internazzjonali mwettaq mill-forzi Marokkini ta' okkupazzjoni kontra l-poplu tas-Saħara, filwaqt li toffri għajnuna u assistenza għaż-żamma tas-sitwazzjoni li tirriżulta minn dan il-ksur.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020 – Allergan Holdings France vs EUIPO – Dermavita Company (JUVEDERM)

(Kawża T-397/20)

(2020/C 279/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Allergan Holdings France SAS (Courvevoie, Franza) (rappreżentanti: J. Day, Solicitor u T. de Haan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Dermavita Company SARL (Bejrut, il-Libanu)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "JUVEDERM" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 2 196 822

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' April 2020 fil-Każ R 877/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-punti 3 u 4 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn jiċħdu r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti kontra r-revoka tat-trade mark taghha tal-Unjoni Ewropea Nru 2 196 822 JUVEDERM ghal "impjanti dermali" u li huma jikkundannaw lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż tagħha;

— tikkundanna lill-EUIPO u lil Dermavita Company Ltd ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorrenti, inklużi l-ispejjeż sostnuti minn din tal-aħħar quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 64(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2020 – Wuxi Suntech Power vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-403/20)

(2020/C 279/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wuxi Suntech Power Co. Ltd (Wuxi, iċ-Ċina) (rappreżentanti: Y. Melin u B. Vignernon, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/444 tal-25 ta' Marzu 2020 li jinvalida fatturi maħruġin minn Wuxi Suntech Power Co. Ltd bi ksur tal-impenn imħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1570;

— tikkundanna lill-Kummissjoni, u lil kull intervenjent li jista' jiġi awtorizzat jintervjeni insostenn tal-Kummissjoni matul il-proċedura, għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża, u l-ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tal-paragrafu 9 tiegħu, meta qieset li r-rikorrenti kisret il-kundizzjonijiet tal-impenn miftiehem bejn il-Kummissjoni u ċ-CCCME f'isem, *inter alia*, ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti aġixxiet f'konformità mal-impenn billi rrapportat il-fatturi li jikkorrispondu mal-bejgħ mill-ġdid imwettaq minn Suntech Europe France, Suntech Power Italy Co., Srl u Suntech Power Deutschland GmbH lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni sakemm hija ma kellhiex iktar rabtiet ma' dawn il-kumpanniji. Ir-rikorrenti aġixxiet f'konformità mal-impenn ukoll billi nnotifikat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq dwar il-bidla fil-holding tagħha wara ristrutturazzjoni li temmet l-affiljazzjoni tar-rikorrenti mal-imsemmija kumpanniji.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li anki kieku r-rikorrenti kisret l-impenn, *quod non*, il-Kummissjoni aġixxiet b'mod illegali billi ddikjarat li l-fatturi rilevanti huma invalidi u billi ġabret dazji fuqhom peress li s-setgħat li hija toqgħod fuqhom sabiex tagħmel dan skadew u/jew ġew revokati. Allegatament, dan huwa minħabba li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u Nru 1239/2013 skadew fis-7 ta' Diċembru 2015. B'mod simili, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/367 u Nru 2017/366 skadew fit-3 ta' Settembru 2018.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriginaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/367 tal-1 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriginaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036, tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriginaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/366 tal-1 ta' Marzu 2017 li jimponi dazji kumpensatorji fuq l-importazzjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriginaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-skadenza skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni dwar ir-rieżami interim parzjali skont Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2016/1037, li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tiddikjara li fatturi tal-impenn huma invalidi u tordna lid-dwana tiġbor dazji fuq importazzjonijiet preċedenti rrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2020 – KR vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-408/20)

(2020/C 279/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: KR (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2019 li tgħid li l-wild tar-rikorrent ma għandux jitqies iktar li huwa dipendenti fuqu fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni, minn naħa, tal-kunċett ta' wild dipendenti msemmi fl-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, tal-konklużjoni Nru 223/04 irreveduta, tat-30 ta' Jannar 2013, tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Unjoni.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – KS vs Frontex

(Kawża T-409/20)

(2020/C 279/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: KS (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni ta' tkeċċija tat-30 ta' Awwissu 2019 kif ukoll, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-ilment tat-23 ta' Marzu 2020;

— tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba ta' assistenza u ta' kumpens tat-13 ta' Frar 2020;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' kumpens għal responsabbiltà mhux kuntrattwali ffissata għas-somma ta' EUR 250 000;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni u fuq il-ksur tad-dritt għal smiegħ.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-istatus ta' "informatur" previst mill-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' proċedura.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal proċess xieraq, u b'mod iktar partikolari tad-drittijiet tad-difiża, tal-preżunzjoni ta' innoċenza, tad-dmir ta' diligenza, tal-obbligu ta' imparzjalità, ta' newtralità u ta' oġġettività, tal-assenza ta' twettiq ta' investigazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-verità u l-ġustifikazzjoni tal-motivi ta' ksur ta' fiduċja invokati, tan-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-aġenti.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur manifest ta' evalwazzjoni.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmirijiet ta' assistenza u ta' premura u l-ksur tad-dmir ta' amministrazzjoni tajba u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba ta' assistenza tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni u fuq il-ksur tad-dritt għal smiegħ.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-istatut ta' "informatur" previst mill-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tal-Regolamenti tal-Persunal.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

Insostenn tar-rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad t-talba għal kumpens tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba f'rabta mal-benesseri fuq ix-xogħol u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-aġenti kollha.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 21a(3) u 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-dmirijiet ta' assistenza, ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 – Esteves Lopes Granja vs EUIPO – Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (PORTWO GIN)

(Kawża T-417/20)

(2020/C 279/67)

Lingwa tar-rikors: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Joaquim José Esteves Lopes Granja (Vila Nova de Gaia, il-Portugall) (rappreżentant: O. Santos Costa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP (Peso da Régua, il-Portugall)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "PORTWO GIN" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 308 462

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' April 2020 fil-Każ R 993/2019-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-Insituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP, għall-ispejjeż.

Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261 u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – GitLab vs EUIPO – Gitlab (GitLab)

(Kawża T-418/20)

(2020/C 279/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GitLab BV (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. Lorente Berges, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Gitlab OÜ (Tallinn, l-Estonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "GitLab" – Trade mark tal-Unjoni Nru 13 751 169

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Mejju 2020 fil-Każ R 2001/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – Deutsche Kreditbank vs SRB

(Kawża T-419/20)

(2020/C 279/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deutsche Kreditbank AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Berger u K. Helle, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2020/24), inklużi l-annessi tagħha, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I u l-Anness II tagħha, jikkonċernaw il-kontribuzzjoni dovuta mir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq disa' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il motiv invokati fil-Kawża T-405/20, DZ Hyp vs SRB.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Portigon vs SRB

(Kawża T-424/20)

(2020/C 279/70)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener, V. Jungkind u F. Geber, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ant*e għall-2020 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ESF/2020/24), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tissospendi l-proċedura, skont l-Artikolu 69(c) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-Kawżi T-420/17, T-413/18, T-481/19 u T-339/20 jew sakemm dawn il-kawżi jingħalqu b'xi mod ieħor;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-ewwel, għat-tieni, għat-tielet, għall-ħames, għas-sitt, għas-seba' u għat-tmien motiv invokati fil-kuntest tal-Kawża T-339/20, Portigon vs SRB.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Techniplan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-426/20)

(2020/C 279/71)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Techniplan Srl (Roma, l-Italja) (rappreżentanti: R. Giuffrida u A. Bonavita, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tivverifika u tiddikjara:

— il-ksur tal-Artikolu 263 TFUE mill-Kummissjoni Ewropea, billi kisret ir-rekwiżiti formali essenzjali previsti ghall-ħruġ ta' att li jolqot direttament u individualment, f'dan il-każ lil Techniplan, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ittra ta' kontestazzjoni tal-pre-informazzjoni u lanqas l-ittra formali ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 265 TFUE;

— tipprovdi għal somma li għandha titħallas bħala kumpens għad-dannu għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni, li tinkludi l-ispejjeż, id-drittijiet u l-onorarji.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors odjern huwa dirett kontra d-deċiżjoni u n-nota ta' debitu kontestwali tat-28 ta' Mejju 2020, maħruġa kontra Techniplan s.r.l., li biha intalab il-ħlas ta' EUR 107 505,66, inkonnessjoni mal-proġett FED/2011/261-985.

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' trasparenza, kif ukoll il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali. F'dan ir-rigward, issostni:

— li r-rapport finali ta' verifika redatt minn kumpannija privata kien juri serje ta' diverġenzi u irregolaritajiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet li ġew ribatturi fil-pront mill-kumpannija rikorrenti, li juru numru ta' ineżattezzi serji inklużi f'dan ir-rapport ta' verifika.

— li l-kumpannija rikorrenti pproduċiet id-dikjarazzjonijiet tal-esperti kollha involuti fil-proġett, li ġew prodotti quddiem il-qorti tal-Kongo, li juru l-preżenza effettiva tagħhom fuq il-postijiet tax-xogħol.

— li l-esperti kienu ġew irrekultati b'mod regolali u mħaddma minn Techniplan fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet previsti mill-kuntratt.

— li l-kumpannija rikorrenti ġiet eskluża mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt mingħajr ebda raġuni.

— li l-ħlasijiet ġew ibblokkati mingħajr ma ġew ipprovduti raġunijiet speċifiċi.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Max Heinr.Sutor vs SRB

(Kawża T-427/20)

(2020/C 279/72)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Max Heinr.Sutor OHG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Glos, H. Nemeczek u T. Kreft, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2020/24 – 1405146-2020-JB), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-SRB għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi segwenti:

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 5(1)(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ([1]), minħabba li flus ta' klijenti miżmuma taħt trust mir-rikorrenti ma ġewx eskluži mill-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* dovuta lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għas-sena 2020.

2. It-tieni motiv: ksur tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), minħabba li d-deċiżjoni tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn tistabbilixxi żieda ta' 200 darba fl-imposta bankarja fuq il-bażi biss tal-obbligi miżmuma taħt trust li kienu indikati mir-rikorrenti fil-bilanċ tagħha u li ma jġorru l-ebda riskju.

3. It-tielet motiv: ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minħabba li d-deċiżjoni ttrattat lir-rikorrenti b'mod differenti minn istituzzjonijiet ta' kreditu li l-istandards tal-kontabbiltà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma jirrikjedux l-indikazzjoni tal-obbligi miżmuma taħt trust jew li japplikaw l-istandards IFRS, kif ukoll minn ditti ta' investiment li jiġġestixxu flus ta' klijenti, u dan mingħajr din id-differenza fit-trattament ma hija oġġettivament iġġustifikata.

4. Ir-raba' motiv: ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") minħabba li d-deċiżjoni tikkostitwixxi ndħil fil-libertà ta' intrapriża sa fejn l-inklużjoni tal-obbligi miżmuma taħt trust li ma jġorru ebda riskju fil-bażi ta' kalkolu twassal għal żieda fl-imposta bankarja għar-rikorrenti għas-sena 2020 b'fattur ta' 200, mingħajr ma tali ndħil ma huwa ġġustifikat.

5. Il-ħames motiv: ksur tal-Artikolu 49 TFUE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 54 TFUE minħabba li d-deċiżjoni tillimita lir-rikorrenti milli teżerċita b'mod liberu l-attività tagħha fl-Istat Membru fejn għandha l-istabbiliment prinċipali tagħha, liema limitazzjoni hija sproporzjonata u tiddiskrimina kontra r-rikorrenti meta mqabbla ma' istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stati Membri oħra.

6. Is-sitt motiv: ksur tal-Artikolu 41(1) u (2)(a) tal-Karta minħabba li r-rikorrenti ma nstemgħetx f'sessjoni eżekuttiva tal-Bord tal-konvenut qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni.

7. Is-seba' motiv: ksur tal-Artikolu 41(1) u (2)(ċ) tal-Karta kif ukoll tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE sa fejn id-deċiżjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti dwar il-motivazzjoni ta' atti legali adottati mill-awtoritajiet amministrattivi Ewropej.

8. It-tmien motiv (sussidjarju): nullità tal-bażi legali għall-bażi ta' kalkolu fis-sens tal-Artikolu 14(2) ikkunsidrat flimkien mal-punt 11 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega 2015/63 minħabba ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu li skont l-istandards tal-kontabbiltà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għandhom jindikaw l-obbligi miżmuma taħt trust bħala obbligi fil-karta tal-bilanċ tagħhom ma ġewx ittrattati bl-istess mod, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, bħal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra li l-istandards tal-kontabbiltà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma jirrikjedux li jindikaw l-obbligi miżmuma taħt trust jew li japplikaw l-istandards tal-kontabbiltà IFRS

9. Id-disa' motiv (sussidjarju): nullità tal-bażi legali għall-bażi ta' kalkolu fis-sens tal-Artikolu 14(2) ikkunsidrat flimkien mal-punt 11 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega 2015/63 minħabba ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta sa fejn id-deċiżjoni tikkostitwixxi ndħil mhux ġustifikat fil-libertà ta' intrapriża.

10. L-għaxar motiv (sussidjarju): nullità tal-bażi legali għall-bażi ta' kalkolu fis-sens tal-Artikolu 14(2) ikkunsidrat flimkien mal-punt 11 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega 2015/63 minħabba ksur tal-Artikolu 49 TFUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 54 TFUE sa fejn tikser il-libertà ta' stabbiliment.

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

([2]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

([3]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Deutsche Hypothekenbank vs SRB

(Kawża T-428/20)

(2020/C 279/73)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deutsche Hypothekenbank AG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Flore u J. Seitz, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-15 ta' April 2020 (SRB/ES/2020/24), inklużi l-annessi tagħha, dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni kif ukoll id-dettalji tal-kalkolu, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq il-motivi segwenti:

1. L-ewwel motiv: ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

   — Il-konvenut naqas milli jisma' lir-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u b'hekk kiser l-Artikolu 41 (1) u (2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2. It-tieni motiv: ksur tar-regoli proċedurali

   — Id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tar-rekwiżiti proċedurali ġenerali li joħorġu mill-Artikolu 41 tal-Karta, mill-Artikolu 298 TFUE, mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u mir-regoli proċedurali tal-konvenut.

3. It-tielet motiv: motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata

— Id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex motivata b'mod suffiċjenti; b'mod partikolari, la hemm motivazzjoni li tindirizza l-każ partikolari inkwistjoni u lanqas ma hemm espożizzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ewlenin fil-kuntest tal-proporzjonalità u tas-setgħa diskrezzjonali.

— Barra minn hekk, ma huwiex possibbli li jinftiehem kif sar il-kalkolu tal-kontribuzzjoni annwali.

4. Ir-raba' motiv: ksur tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (Artikolu 47(1) tal-Karta) minħabba li d-deċiżjoni kkontestata ma tistax tkun is-suġġett ta' stħarriġ

— Minħabba l-motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata, huwa ferm iktar diffiċli għar-rikorrenti li tikseb stħarriġ ġudizzjarju tagħha.

— B'dan il-mod, il-konvenut jikser b'mod partikolari l-prinċipju ta' proċedura kontradittorja li jipprovdi li l-parteċipanti fil-proċedura għandhom ikunu jistgħu jiddiskutu b'mod kontradittorju kemm il-fatti kif ukoll l-aspetti legali li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċedura.

5. Il-ħames motiv: l-applikazzjoni tal-indikatur IPS (Institutional Protection Scheme) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ([1]) tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament ta' Delega 2015/63 bħala att iddelegat fis-sens tal-Artikolu 290 TFUE, il-Kummissjoni ma għandha ebda marġni diskrezzjonali, u dan jimplika stħarriġ ġudizzjarju limitat. Dan jgħodd ukoll għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Delega 2015/63 min-naħa tal-konvenut.

— Fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-indikatur IPS, is-sinjifikat tal-fatt li r-rikorrenti kienet imsieħba f'sistema ta' protezzjoni istituzzjonali għal gruppi finanzjarji ta' tfaddil kien magħruf.

— Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament ta' Delega 2015/63 il-konvenut kien imissu ħa inkunsiderazzjoni l-probabbiltà baxxa ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni inkwistjoni u, għalhekk, tal-użu tal-fondi ta' riżoluzzjoni, u kien imissu osserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

6. Is-sitt motiv: it-teħid inkunsiderazzjoni tal-pożizzjoni ta' riskju dderivat globali fil-kuntest tal-indikatur tar-riskju "attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà", jikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Inkonformità mar-rekwiżit ta' orjentament fuq il-bażi tal-profil ta' riskju li jieħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni ta' riskju ta' derivattivi b'mod ġenerali, fil-kuntest tal-punt (a) tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(5) u tal-punt (a) tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' Delega 2015/63, il-konvenut kien imissu ħa inkunsiderazzjoni, fil-każ tar-rikorrenti, id-derivattivi kollha attribwiti lill-portafoll li ma huwiex innegozjat u li huma intiżi esklużivament għal finijiet ta' hedging.

7. Is-seba' motiv: l-applikazzjoni tal-multiplikatur ta' aġġustament fuq il-bażi tal-profil ta' riskju tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-multiplikatur ta' aġġustament fuq il-bażi tal-profil ta' riskju, il-konvenut kien imissu ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li l-mudell tan-negozju tar-rikorrenti huwa intiż li jevita r-riskji sa fejn hija bank li tinnegozja f'obbligi ("Pfandbrief") kif ukoll il-probabbiltà baxxa ta' falliment tagħha, inkonformità mar-rekwiżit ta' orjentament fuq il-bażi tal-profil ta' riskju u mal-libertà fundamentali ta' intrapriża previst fl-Artikolu 16 tal-Karta.

8. It-tmien motiv (sussidjarju): it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' Delega 2015/63 tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Sa fejn tipprevedi relativizzazzjoni tal-indikatur tal-IPS, it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' Delega 2015/63 tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fis-sens tal-Artikolu 20 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn istituzzjonijiet li jagħmlu parti mill-istess protezzjoni istituzzjonali u li għalhekk huma suġġetti għall-istess probabbiltà ta' falliment, jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti.

9. Id-disa' motiv: id-definizzjoni ta' "depożiti interbankarji" fil-Pass 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega 2015/63 tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Id-definizzjoni ta' "depożiti interbankarji" prevista fil-Pass 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega 2015/63 hija illegali sa fejn tinkludi wkoll titoli li ma jimplikaw ebda riskju bħalma huma obbligi rreġistrati fuq isem partikolari, b'tali mod li tkabbar ir-riskju fil-kuntest tal-kalkolu tal-indikatur tar-riskju "krediti u depożiti interbankarji".

10. L-għaxar motiv: il-klassifikazzjoni tal-klassijiet prevista fil-Pass 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega 2015/63 tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Il-klassifikazzjoni tal-klassijiet prevista fil-Pass 2 tal-Anness I tar-Regolament 2015/63 hija illegali sa fejn in-numru żgħir ta' klassijiet u n-numru identiku ta' istituzzjonijiet f'kull klassi ma jippermettux li l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni individwali, bħalma hija r-rikorrenti, jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjentement iddifferenzjat.

(1) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Sedus Stoll vs EUIPO – Kappes (Sedus ergo+)

(Kawża T-429/20)

(2020/C 279/74)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Sedus Stoll AG (Dogern, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Goldmann u J. Thomsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Wolfgang Kappes (Bochum, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni "Sedus ergo+" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 144 074 98

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1303/2019-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fil-Każ B 2 618 984; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-eventwali intervenjent (Wolfgang Kappes) għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 – KV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-430/20)

(2020/C 279/75)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: KV (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla id-deċiżjonijiet li ġejjin:

— id-deċiżjoni tat-23 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha r-rikorrent ġie eskluż mill-kompetizzjoni EPSO/AD/371/19 minħabba nuqqas ta' esperjenza professjonali;

— id-deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2019, li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba għal eżami mill-ġdid tal-esklużjoni mill-kompetizzjoni EPSO/AD/371/19;

— id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-31 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha ġie miċħud ir-rikors amministrattiv ippreżentat skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Barra minn dan, ir-rikorrent jitlob li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, sa fejn l-esperjenza professjonali tar-rikorrent fil-komunikazzjoni li tekwivali għal tliet snin, ma ttieħditx inkunsiderazzjoni.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-avviż ta' kompetizzjoni, sa fejn il-bord tal-għażla stabbilixxa kriterji ta' evalwazzjoni tal-kandidati li ma humiex konformi mal-avviż, billi rrikjeda, b'mod partikolari esperjenza professjonali speċifika fil-komunikazzjoni.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza, sa fejn il-bord tal-eżaminaturi, billi evalwa l-kandidati abbażi ta' kriterji differenti minn dawk stabbiliti fl-avviż, ma żgurax l-osservanza tal-oġġettività u tal-imparzjalità fl-eżami tal-esperjenza professjonali tal-kandidati.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn l-EPSO ma ċċaratax permezz ta' riferimenti fattwali għaliex l-esperjenza tar-rikorrent ma kinitx tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-avviż.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza tal-partijiet fil-proċess, sa fejn billi ma pprovdiex motivazzjoni adegwata, l-EPSO ma ppermettiex lir-rikorrent jelabora b'mod suffiċjenti l-ilmenti tiegħu waqt il-preżentata tar-rikors.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 – UniCredit Bank vs SRB

(Kawża T-431/20)

(2020/C 279/76)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: UniCredit Bank AG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Schäfer, H. Großerichter u F. Kruis, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2020/24), inkluži l-annessi tagħha, sa fejn huma jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba sa fejn id-deċiżjoni kkontestata u l-Annessi I u II tagħha ma fihomx motivazzjoni suffiċjenti skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba taħt l-Artikolu 41 (2)(a) tal-Karta sa fejn ir-rikorrenti ma nstemgħetx qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li għandha bħala suġġett miżura individwali li tisfavorixxiha.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn huwa prattikament impossibli li l-eżattezza materjali tad-deċiżjoni tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2020 – KY vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża T-433/20)

(2020/C 279/77)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: KY (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tas-17 ta' Settembru 2019, ikkonfermata permezz tad-deċiżjoni espliċita tal-10 ta' Ottubru 2019, tat-talba għar-restituzzjoni tal-parti mhux akkreditata tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħha fis-servizz u ttrasferita lill-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni Ewropea.

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li, konformement mad-dmir ta' premura tagħha, istituzzjoni tal-Unjoni għandha l-obbligu li tinforma lill-uffiċjal mhux biss bir-regola tal-ammont mimimu tas-sussistenza u tal-impatt tagħha fuq il-kalkolu tal-pensjoni, iżda wkoll bil-possibbiltà li wieħed jipposponi t-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni sal-intitolament tad-drittijiet effettivi tiegħu għall-pensjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu. Ir-rikorrenti tqis li r-rifjut ta' restituzzjoni tal-parti tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali ttrasferiti lill-iskema tal-Unjoni, li tagħha ma jittiħidx kont waqt il-kalkolu tad-drittijiet għall-pensjoni, jista' jwassal għal approprjazzjoni inġustifikata u, għaldaqstant, għal arrikkiment indebitu favur l-Unjoni, kif ukoll ftaqir indebitu tal-uffiċjal ikkonċernat.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2020 – Sedus Stoll vs EUIPO – Kappes (Sedus ergo+)

(Kawża T-436/20)

(2020/C 279/78)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Sedus Stoll AG (Dogern, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Goldmann u J. Thomsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Wolfgang Kappes (Bochum, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni "Sedus ergo+" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 958 374

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 2194/2018-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fil-Każ B 2 863 929; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-eventwali intervenjent (Wolfgang Kappes) għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2020 – Ultrasun vs EUIPO (ULTRASUN)

(Kawża T-437/20)

(2020/C 279/79)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ultrasun AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "ULTRASUN" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 898 794

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' April 2020 fil-Każ R 1453/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2020 – Tempora vs Il-Parlament

(Kawża T-450/20)

(2020/C 279/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Tempora (Forest, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Delvaux u R. Simar, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni, bid-data mhux magħrufa, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew iddeċieda li jagħti l-kuntratt lil SPRL IMAGINA EU;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni tal-għoti lil offerent ieħor tal-kuntratt fil-kuntest tas-sejħa għal offerti bir-referenza COMM/AWD/2019/421, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15.2 tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-obbligi ta' diligenza u ta' preċiżjoni, tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' kompetizzjoni u ta' trasparenza, tal-Artikolu 170(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU L 60, 28.2.2019, p. 36) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 2018/1046"). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tqis li l-Parlament kellu jattribwixxi l-kuntratt lilha, peress li SPRL IMAGINA EU ma kellhiex il-kapaċità ekonomika u finanzjarja suffiċjenti u b'hekk ma setgħetx tintgħażel.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-punt 23 tal-Anness I tar-Regolament 2018/1046 u tal-Artikolu 16 tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' kompetizzjoni u ta' trasparenza u tal-obbligi ta' diligenza u ta' preċiżjoni. Ir-rikorrenti tosserva li l-prezzijiet offruti minn SPRL IMAGINA EU fl-offerta tagħha huma baxxi b'mod mhux normali u ma setgħux jiġu aċċettati.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT